

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 83

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

10 ta' Marzu 2022

Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/400 tas-7 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/401 tat-8 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq** ..... 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/402 tad-9 ta' Marzu 2022 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 7

##### DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/403 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (notifikata bid-dokument C(2022) 1262)** ..... 39
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/404 tat-3 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 fir-rigward tal-istandards armonizzati għal ger tal-istering – sistemi ta' kejbil u taljoli <sup>(1)</sup>** ..... 44
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/405 tat-3 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-panċi tal-kisi u għat-tejps tal-kisi, għall-apparati ta' illuminazzjoni jew luminarji, għall-aċċessorji elettriċi, għas-sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat, għas-salvaviti, għall-apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju u għal tagħmir ta' wweldjar reżistenti <sup>(1)</sup>** ..... 48

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/406 tat-3 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 fir-rigward tal-istandards armonizzati għaż-żennuni awtomatiċi għall-użu fid-distributuri tal-fjuwil, il-pompi tal-kejl, id-distributuri u l-unitajiet ta' pompi li jitħaddmu mill-bogħod, il-mezzi ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri, il-valvi ta' sikurezza u swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri, li jintużaw fil-pompi tal-petrol <sup>(1)</sup> ..... 55
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/407 tad-9 ta' Marzu 2022 li ttemm ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika ta-Turkija ..... 60

## Rettifika

- ★ Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1297 tal-4 ta' Awwissu 2021 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċidi perfluworokarbossiliċi li fihom minn 9 sa 14-il atomu tal-karbonju fil-katina (C9-C14 PFCAs), l-imlieh tagħhom u s-sustanzi relatati mas-C9-C14 PFCAs (ĠU L 282, 5.8.2021) ... 64
- ★ Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2077 tas-26 ta' Novembru 2021 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-L-valina prodotta mill-*Corynebacterium glutamicum* CGMCC 7.366 bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-animali (ĠU L 426, 29.11.2021) ..... 65

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/400

tas-7 ta' Marzu 2022

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 <sup>(2)</sup> jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-snin finanzjarji 2021 sal-2027, skont l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG għas-snin 2021 sal-2027 jeħtieġ ikun kostitwit mill-ammonti massimi għas-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti stipulati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 <sup>(4)</sup>.
- (3) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti skont l-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2022. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti jeħtieġ ikun disponibbli bħala appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat fl-ambitu tal-FAEŻR.
- (4) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li fis-sena finanzjarja 2023 jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali fl-ambitu tal-FAEŻR, ċertu perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2022.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 tat-3 ta' Frar 2021 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (ĠU L 40, 4.2.2021, p. 8).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

- (5) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li għas-sena kalendarja 2022 jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti, ċertu perċentwal ta' appoġġ li jeħtieġ jiġi ffinanzjat fl-ambitu tal-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2023.
- (6) Il-limiti massimi nazzjonali rilevanti stipulati fl-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew adattati skont dan permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/42 <sup>(3)</sup>.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, il-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti tal-qafas finanzjarju pluriennali stipulat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament jeħtieġ jiġi aġġustat skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament wara li jsiru t-trasferimenti bejn il-FAEŻR u l-pagamenti diretti.
- (8) Għalhekk, jeħtieġ li jiġi aġġustat il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG kif stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-ammonti li jeħtieġ jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR jenħtieġ li jiġu ppubblikati wkoll.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/42 tat-8 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2022 (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 3).

ANNEX

“ANNEX

**Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG***(miljun EUR)*

Sena finanzjarja	Ammonti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR		Ammonti trasferiti mill-FAEŻR	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG
	L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	
2021	1 099,539	58,165	600,658	40 367,954
2022	1 086,292	57,919	525,400	40 638,189
2023	1 277,253	55,858	507,322	40 692,211
2024				41 649,000
2025				41 782,000
2026				41 913,000
2027				42047,000”

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/401****tat-8 ta' Marzu 2022****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jeleneka persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet assoċjati mar-reġim tal-eks President Saddam Hussein koperti bl-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u bi projbizzjoni milli l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli.
- (2) Fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi seba' persuni mil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom jeħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni**Fisem il-President,**Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi  
Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

## ANNEX

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati li ġejjin:

**“8. ISEM: Aziz Salih al-Numan**

DATA U POST TAT-TWELID: 1941 jew 1945, An Nasiriyah

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th;

ex-Gvernatur ta' Karbala u An Najaf;

ex-Ministru tal-Agricoltura u tar-Riforma Agrarja (1986-1987)”

**“10. ISEM: Kamal Mustafa Abdallah**

MAGĦRUF BĦALA: Kamal Mustafa Abdallah Sultan al-Tikriti

DATA U POST TAT-TWELID: 1952 jew l-4 ta' Mejju 1955, Tikrit

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Segretarju tal-Gwardja Repubblikana;

Mexxa l-Gwardja Speċjali Repubblikana u kmanda iż-żewġ Korpi tal-Gwardja Repubblikana”

**“18. ISEM: Latif Nusayyif Jasim Al-Dulaymi**

DATA U POST TAT-TWELID: Circa 1941, ar-Rashidiyah, subborg ta' Baghdad

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Assistent President tal-Bureau Militari tal-Partit Ba'th;

Ministru tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali (bejn l-1993 u l-1996)”

**“40. ISEM: Abd-al-Baqi Abd-al-Karim Abdallah Al-Sa'dun**

DATA U POST TAT-TWELID: 1947

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Diyala

Assistent Kmandant tar-Reġjun tan-Nofsinhar bejn l-1998 u l-2000;

Ex-Speaker tal-Assemblea Nazzjonali”

**“41. ISEM: Muhammad Zimam Abd-al-Razzaq Al-Sa'dun**

DATA U POST TAT-TWELID: 1942, Suq Ash-Shuyukh District, Dhi-Qar

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'At-Tamin;

Ministru tal-Intern bejn l-1995 u l-2001”

**“42. ISEM: Samir Abd al-Aziz Al-Najim**

DATA U POST TAT-TWELID: 1937 jew 1938, Baghdad

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Baghdad tal-Lvant;”

**“53. ISEM: Qaid Hussein Al-Awadi**

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Ninawa;

Ex-Gvernatur ta' An-Najaf, circa bejn l-1998 u l-2002”

---



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/402****tad-9 ta' Marzu 2022****li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

**1. PROCĊEDURA****1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ**

- (1) Wara investigazzjoni anti-dumping, il-Kunsill bir-Regolament (KE) Nru 925/2009 <sup>(2)</sup>, impona dazju anti-dumping fuq ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u miċ-Ċina ("l-investigazzjoni oriġinali"). Wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2384 <sup>(3)</sup>, estendiet il-miżuri fis-17 ta' Diċembru 2015 għall-esportazzjonijiet miċ-Ċina u temmet il-miżuri għall-Brażil ("l-investigazzjoni preċedenti tar-rieżami ta' skadenza"). Il-miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Armenja skadew fis-7 ta' Ottubru 2014.
- (2) B'riżultat ta' investigazzjoni antiċirkomvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/271 <sup>(4)</sup> estendiet id-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju f'it modifikat.
- (3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1474 <sup>(5)</sup>, il-Kummissjoni, wara investigazzjoni antiċirkomvenzjoni oħra f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, estendiet id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2384 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/271 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju kkonsenjati mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 262, 6.10.2009, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2384 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment għall-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw fil-Brażil wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 63).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/271 tas-16 ta' Frar 2017 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju f'it modifikata (ĠU L 40, 17.2.2017, p. 51).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1474 tal-14 ta' Settembru 2021 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2384 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/271 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju kkonsenjati mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le. (ĠU L 325, 15.9.2021, p. 6).

### 1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

- (4) Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika dwar l-iskadenza imminenti <sup>(6)</sup>, il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (5) It-talba għal rieżami ġiet ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2020 mill-produtturi tal-Unjoni, li jirrappreżentaw madwar 90 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċertu fojl tal-aluminju ("l-applikanti"). It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

### 1.3. Il-bidu ta' rieżami ta' skadenza

- (6) Hekk kif determinat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fis-17 ta' Diċembru 2020, permezz ta' Notifika li ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(7)</sup> ("in-Notifika ta' Bidu"), il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza rigward l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") fuq il-bażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

### 1.4. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat

- (7) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2019 sat-30 ta' Settembru 2020 (il-"perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew il-"PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

### 1.5. Il-partijiet interessati

- (8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikanti, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi, fornituri u utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll assoċjazzjonijiet li kienu magħrufa li kienu kkonċernati, dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.
- (9) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smiġh fil-proċedimenti kummerċjali.

### 1.6. Kampjunar

- (10) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### 1.6.1. Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (11) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar 77 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u 75 % tal-volum tal-bejgħ stmat tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw dwar il-kampjun proviżorju. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kument. Il-kampjun b'hekk tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

<sup>(6)</sup> ĠU C 98, 25.3.2020, p. 10.

<sup>(7)</sup> Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 436, 17.12.2020, p. 10).

### 1.6.2. *Il-kampjunar tal-importaturi*

- (12) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (13) Importatur mhux relatat wieħed biss ipprova l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Għalhekk, ma kienx meħtieġ li jittieħdu kampjuni.

### 1.6.3. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

- (14) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntatta lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (15) Żewġ produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat preżentaw ruħhom u provdew l-informazzjoni mitluba. Madankollu, wieħed minnhom iddikjara li ma pproduċiex u lanqas ma esporta l-prodott taħt rieżami matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u għalhekk ma xtaqx jikkoopera mal-investigazzjoni. Minħabba n-numru żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

## 1.7. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u kontroverifiki mill-bogħod**

- (16) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").
- (17) Fil-bidu, il-kwestjonarju kien disponibbli fil-fajl sabiex jiġi spezzjonat mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ <sup>(8)</sup>.
- (18) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu għand it-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-produttur esportatur li ppreżenta ruħu matul il-kampjunar ma pprovidiex tweġiba għall-kwestjonarju. Ma waslet l-ebda tweġiba mingħand l-importaturi mhux relatati. L-ebda wieħed mill-utenti ma pprova kwestjonarju jew ippreżenta ruħu matul l-investigazzjoni. Il-GTĊ lanqas ma pprova tweġiba għall-kwestjonarju.
- (19) Minħabba li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi jew mill-GTĊ, is-sejbiet fir-rigward tad-dumping u l-ħsara saru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lill-Unjoni Ewropea ġiet informata dwar dan kif xieraq. Ma wasal l-ebda kumment.
- (20) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għall-investigazzjoni. F'konformità man-Notifika dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u anti-sussidji <sup>(9)</sup>, saru proċessi ta' kontroverifika mill-bogħod ("RCC") permezz ta' vidjokonferenza mal-kumpaniji li ġejjin:

### **Produtturi tal-Unjoni**

- Alcomet AD, Shumen, il-Bulgarija
- Slim Aluminium SpA, Cisterna di Latina, l-Italja
- Symetal, Ateni, il-Greċja

<sup>(8)</sup> [https://trade.ec.europa.eu/tdi/case\\_details.cfm?id=2500](https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2500).

<sup>(9)</sup> ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

## 2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott taħt rieżami

- (21) Il-prodott taħt rieżami huwa fojl tal-aluminju ta' ħxuna mhux anqas minn 0,008 mm u mhux aktar minn 0,018 mm, mhux rinforzat, mhux maħdum ulterjorment apparti milli rrumblat, f'rombli ta' wisa' mhux aktar minn 650 mm u ta' piż aktar minn 10 kg, li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7607 11 19 (il-kodiċi TARIC 7607 11 19 10) ("il-prodott taħt rieżami", "fojl tal-aluminju għall-użu domestiku" jew "AHF").
- (22) Il-prodott taħt rieżami jintuża għal kisi għal żmien qasir b'diversi użi fid-djar, fin-negozju tal-catering, fl-industrija tal-prodotti tal-ikel u fin-negozju tal-bejgħ bl-imnut tal-fjuri.

### 2.2. Prodott simili

- (23) Kif għie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li għejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott taħt rieżami;
  - il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u
  - il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (24) Il-Kummissjoni ddeċidiet li daww il-prodotti huma, għalhekk, prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. DUMPING

- (25) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżura fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza ta' dumping mir-RPĊ.

### 3.1. Kummenti preliminari

- (26) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, għalkemm l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ komplew, dawn laħqu biss 1 588 tunnellata, li jirrappreżentaw 2 % tas-sehem mis-suq tal-konsum tal-Unjoni. Ħafa minn dawn l-esportazzjonijiet saru taħt il-proċedura ta' proċessar attiv <sup>(10)</sup> u għalhekk ma kienu soġġetti la għad-dazju anti-dumping u lanqas għad-dazju doganali. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-volum ta' importazzjonijiet kien rappreżentattiv biżżejjed sabiex jiġi eżaminat jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

### 3.2. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

- (27) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.
- (28) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-*data* neċessarja għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-produtturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-inputs użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. L-ebda produttur ma ppreżenta din l-informazzjoni.
- (29) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, taħt il-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-*data* tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ma waslet l-ebda sottomissjoni.

<sup>(10)</sup> L-ipproċessar attiv ifisser li l-merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi importata sabiex tintuża fit-territorju doganali tal-Unjoni f'operazzjoni ta' pproċessar waħda jew aktar, pereżempju, għall-finijiet ta' manifattura jew tiswija. Meta jiġu importati, dawn l-oġġetti mhumix soġġetti għad-dazji fuq l-importazzjoni.

- (30) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Il-Kummissjoni informat li jekk is-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għall-parti milli kieku din kienet ikkooperat. Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-GTĊ.
- (31) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli f'dak l-istadju tal-investigazzjoni, il-pajjiżi rappreżentattivi possibbli għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għar-RPĊ, kienu l-Brażil u t-Turkija. Il-Kummissjoni stqarret ukoll li kienet se teżamina pajjiżi rappreżentattivi oħrajn li setgħu jkunu xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (32) Fid-29 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel nota għall-fajl ("l-Ewwel Nota tal-FoP") u informat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni pprovdi lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni bħall-materja prima, ix-xogħol u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, abbażi tat-talba għal rieżami u sottomissjoni mill-applikanti. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, f'dak l-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni identifikat tliet pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Brażil, il-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") u t-Turkija. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti. Ma wasal l-ebda kumment dwar l-Ewwel Nota.
- (33) Fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni nota għall-fajl ("it-Tieni Nota tal-FoP"). F'din in-Nota, il-Kummissjoni stabbiliet il-lista ta' fatturi tal-produzzjoni u informat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. Il-Kummissjoni għażlet lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv. Fin-nuqqas ta' produttur rappreżentattiv xieraq tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi rappreżentattivi possibbli, il-Kummissjoni qieset li *d-data* tal-kumpaniji li jipproduċu prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott taħt rieżami tista' tkun xierqa sabiex tinkiseb id-*data* finanzjarja (il-kostijiet tal-bejgħ, il-kostijiet ġenerali u l-kostijiet amministrattivi (SG&A) u l-profitti). Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi ("SG&A") u profitti bbażati fuq informazzjoni finanzjarja minn ħames kumpaniji Torok li jipproduċu prodotti tal-estrużjoni tal-aluminju. Il-Kummissjoni qieset li l-estrużjonijiet tal-aluminju huma prodotti li għandhom karatteristiċi tekniċi li jixbhu mill-qrib lil dawk tal-prodott taħt rieżami, u jaqsmu wkoll kompożizzjoni simili tal-materjal sors. Dawn il-prodotti spiss jiġu mmanifatturati mill-istess kumpaniji bħall-prodott taħt rieżami jew fl-istess grupp. Minħabba s-similaritajiet bejn il-prodott taħt rieżami u l-prodotti tal-estrużjoni tal-aluminju, kif ukoll il-fatt li ġew identifikati produtturi profittabbli ta' estrużjonijiet tal-aluminju, tali *data* titqies rappreżentattiva tas-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu l-prodott taħt rieżami, u għalhekk adegwata sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (34) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkummentaw, iżda ma rċeviet l-ebda kumment dwar it-Tieni Nota.

### 3.3. Valur normali

#### 3.3.1. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

- (35) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-aluminju fir-RPĊ <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 tad-29 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 109, 30.3.2021, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/582 tad-9 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 124, 12.4.2021, p. 40); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/983 tas-17 ta' Ġunju 2021 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 216, 18.6.2021, p. 142).

- (36) F'dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali mill-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq<sup>(12)</sup>. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-aluminju, mhux biss għadu jippersisti grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku<sup>(13)</sup>, iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku<sup>(14)</sup>. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi nominati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq<sup>(15)</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprietà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jiġu miżmuma haġġin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ<sup>(16)</sup>. Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-aluminju fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku<sup>(17)</sup>, kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ<sup>(18)</sup>.
- (37) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti rigward is-settur tal-aluminju fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienu xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fid-dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-investigazzjonijiet dwar id-difiża tal-kummerċ<sup>(19)</sup> ("ir-Rapport"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.
- (38) It-talba f'dan il-każ irreferiet għar-Rapport, b'mod partikolari għat-taqsimiet li jikkonċernaw is-settur tal-aluminju u l-intrapriżi tal-Istat, kif ukoll għall-investigazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar prodotti downstream<sup>(20)</sup>. Barra minn hekk, it-talba rreferiet għal studji indipendenti li jikkonkludu li s-suq tal-aluminju Ċiniż huwa distort minħabba sussidjar sostanzjali, bħall-istudju tal-2019 tal-OECD "Measuring distortions in international markets: the

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 336, 13.10.2020, p. 8), il-premessi 91-97 u 154-158; Ir-Regolament (UE) 2021/582, il-premessi 125-131 u 185-188; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 80-86 u 140-143.

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 98-104; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 132-137; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 87-92.

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 105-112; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 138-143; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 93-98. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal kruċjali tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-ekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-fojls tal-aluminju u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 113-135; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 144-166; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 99-120.

<sup>(16)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 136-140; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 167-171; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 121-125.

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 141-142; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 172-173; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/983, il-premessi 126-127.

<sup>(18)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessi 143-153; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 174-184; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 128-139.

<sup>(19)</sup> SWD(2017) 483 final/2, 20.12.2017, [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc\\_156474.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf).

<sup>(20)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/915 tal-4 ta' Ġunju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju f'rombli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 63).

aluminium value chain”<sup>(21)</sup> u r-rapport tal-2017 tal-assoċjazzjoni Ġermaniża tal-industrija tal-metalli mhux ferrużi WVMetalle.<sup>(22)</sup> Dawn l-istudji tqiegħdu fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. Ma ġie pprovdut l-ebda kumment dwar l-istudji minn l-ebda parti interessata. It-talba enfasizzat li daww l-istudji jiddokumentaw il-preżenza sinifikanti tal-SOEs fis-settur tal-aluminju Ċiniż, il-forniment ta' inputs ta' materja prima rħas lill-produtturi tal-aluminju, kif ukoll l-eżistenza ta' reġim tat-tassazzjoni li effettivament ifixkel is-suq. B'referenza mill-ġdid għar-Rapport u għall-investigazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni, it-talba indikat ukoll li l-awtoritajiet Ċiniżi stabbilew prezzijiet għall-faħam, għall-elettriku, għall-gass naturali u għaż-żejt, li jfixklu l-prezzijiet tal-enerġija fis-settur tal-aluminju. Bl-istess mod, it-talba rreferiet għal distorsjonijiet tal-paġi fis-settur tal-aluminju. Barra minn hekk, it-talba allegat distorsjonijiet tal-kostijiet tal-makkinarju, b'mod partikolari minħabba li s-settur tal-aluminju jitqies bħala “settur imħeġġeġ” mill-awtoritajiet Ċiniżi u huwa elenkat bħala tali fil-Katalogu ta' Gwida tal-Gvern Ċiniż għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali, inkluża l-aktar iterazzjoni reċenti tagħha tal-2019<sup>(23)</sup>. It-talba indikat ukoll id-distorsjonijiet tal-kostijiet finanzjarji minħabba l-istruttura ġenerali tas-sistema bankarja Ċiniża, kif ukoll minħabba numru ta' dokumenti ta' politika – bħal pjanijiet jew politiki nazzjonali u settorjali ta' ħames snin li jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji jappoġġaw lill-industrija tal-aluminju. Fl-aħħar nett, it-talba elenkat distorsjonijiet li joriġinaw minn miżuri addizzjonali tal-gvern, bħall-iskema ta' kreditu tal-bejjieġħ esportatur, tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp, jew rifużjonijiet tal-VAT fuq tagħmir prodott domestikament. It-talba rreferiet f'dan ir-rigward għall-investigazzjoni tas-sussidju tal-2018 li saret mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti fuq is-settur Ċiniż tal-fojl tal-aluminju.<sup>(24)</sup>

- (39) Fis-settur tal-aluminju, grad sostanzjali ta' sjieda u kontroll mill-GTĊ jippersisti fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Ħafna mill-akbar produtturi huma proprjetà tal-Istat. Peress li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi tal-prodott taħt rieżami, il-proporzjon eżatt tal-produtturi privati u tal-Istat ma setax jiġi ddeterminat. Madankollu, l-investigazzjoni kkonfermat li fis-settur tal-aluminju numru ta' produtturi kbar huma SOEs, inklużi Aluminium Corporation of China jew Shenhua Group Aluminium, li t-tnejn li huma jimmanifatturaw ukoll il-prodott taħt rieżami.
- (40) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll daww privati fis-settur tal-aluminju huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika. Il-Kummissjoni ddokumentat b'mod estensiv l-attivitajiet ta' bini tal-partit fl-investigazzjonijiet preċedenti tagħha tas-settur tal-aluminju, li fihom ipparteċipaw ukoll numru ta' produtturi li jimmanifatturaw ukoll il-prodott taħt rieżami.<sup>(25)</sup> Barra minn hekk, ħafna produtturi tal-prodott taħt rieżami jenfasizzaw b'mod espliċitu l-attivitajiet ta' bini tal-partit fuq is-siti web tagħhom, għandhom membri tal-partit fil-maniġment tal-kumpanija u jissottolinjaw l-affiljazzjoni tagħhom mas-CCP.
- (41) Pereżempju, in-Nanshan group reċentement irrapporta dan li ġej fir-rigward ta' avveniment ta' bini tal-partiti li seħħ f'Marzu tal-2021: “Fid-19 ta' Marzu, il-fergħa tal-partit direttament taħt Nanshan Holdings organizzat l-avveniment ta' jum tal-partit b'tema, studju fil-fond u implimentazzjoni tal-ispirtu tad-diskors tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping fil-Konferenza dwar l-Istudju u l-Edukazzjoni tal-Istorja tal-Partit, nitgħallmu l-qalba tal-istorja tal-partit, niġbru s-saħħa, u naħdmu ħafna. Il-mexxejja rilevanti tal-fergħa tal-partit direttament taħt Nanshan Holdings ippresjedew il-laqgħa. Fir-rapport tiegħu dwar il-lekċer tal-partit, is-segretarju tal-fergħa rrimarka li l-membri tal-partit u l-cadres jenħtieġ li jagħtu l-kontribut sħiħ għar-rwol eżemplari u ewlieni tagħhom, ma jinsewx l-aspirazzjonijiet oriġinali tagħhom, u jżommu f'moħħhom il-missjoni tagħhom. [...] Il-membri u l-cadres kollha tal-partit esprimew li se jkomplu jistudjaw u jimplimentaw l-ispirtu tad-diskors tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping fil-Konferenza dwar l-Istudju u l-Edukazzjoni tal-Istorja tal-Partit, jgħaqqu l-ideat u l-azzjonijiet mar-rekwiżiti u l-iskjerament tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin, ma jinsewx l-intenzjoni oriġinali, iżommu l-missjoni f'moħħhom, u jaħdmu ħafna. Javvanzaw 'il quddiem, ma jibżgħux jinnovaw, jagħtu l-kontribut sħiħ għar-rwol pijunier eżemplari tal-membri tal-partit fl-intrapriża [...]”.<sup>(26)</sup>

<sup>(21)</sup> Id-Dokumenti dwar il-Politika Kummerċjali tal-OECD, Nru 218, OECD Publishing, Pariġi, disponibbli fuq: <http://dx.doi.org/10.1787/c82911ab-en>

<sup>(22)</sup> Think!Desk China Consulting & Research, “Final Report – Analysis of Market Distortions in the Chinese Non-Ferrous Metal Industry”.

<sup>(23)</sup> [http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/content\\_5449193.htm](http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/content_5449193.htm) (ikkonsultat l-aħħar fid-29 ta' Ottubru 2021).

<sup>(24)</sup> Certain Aluminium Foil from the People's Republic of China: Amended Final Affirmative Countervailing Duty Determination and Countervailing Duty Order. 83 Fed. Reg. 17,360 (Dep't Comm. id-19 ta' April 2018)

<sup>(25)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 141-142; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 96-97.

<sup>(26)</sup> Ara fuq: <http://www.nanshan.com.cn/searchdetails?id=2838&cid=> (aċċessat fil-31 ta' Awwissu 2021)

- (42) Bl-istess mod, id-Dengfeng Electricity Group, li huwa proprjetà tal-Istat, fuq is-sit web tiegħu jindika li “waranofsinar tal-10 ta’ Novembru 2020, it-taħriġ fil-klassi tal-ġestjoni korporattiva tal-kumpanija grupp sar fis-sitt kamra tal-laqgħat. Ipparteċipaw total ta’ 66 persuna, mid-diretturi tal-kumpanija grupp u persunal manijerjali superjuri, diversi dipartimenti tan-negożju, intrapriżi affiljati direttament u mexxejja ta’ sub-intrapriżi. [...] Wara dan, il-kumpanija grupp se tkompli tistudja b’mod kuxjenzjuż id-diskors importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping fil-laqgħa plenarja, tifhem l-ispirtu tal-laqgħa plenarja, [...] u tifhem bis-sħiħ it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-adozzjoni tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit, tuża l-għarfien u s-saħħa sabiex jintlaħqu l-għanijiet u jitwettqu l-kompiti stabbiliti fl-14-il Pjan ta’ Ħames Snin”.<sup>(27)</sup>
- (43) Barra minn hekk, fis-settur tal-aluminju hemm stabbiliti politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b’xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.
- (44) Is-settur tal-aluminju huwa soġġett għal bosta pjanijiet, linji gwida, direttivi u dokumenti ta’ politika oħrajn maħruġa fil-livell nazzjonali, reġjonali u municijali. Dawn il-politiki fis-seħħ matul il-perjodu ta’ investigazzjoni tar-rieżami, li jvarjaw mit-13-il Pjan ta’ Ħames Snin dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali<sup>(28)</sup>, jew il-Pjan ta’ Żvilupp tal-Industrija tal-Metall Mhux Ferruż (mill-2016 sal-2020), u politiki oħra fil-livell nazzjonali, permezz ta’ pjanijiet reġjonali bħal, pereżempju, l-Avviż tal-Gvern tal-Provinċja ta’ Shandong dwar il-pjan ta’ implimentazzjoni għall-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp ta’ kwalità għolja tas-seba’ industrijii intensivi fl-enerġija, ġew iddokumentati b’mod estensiv mill-investigazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni tas-settur<sup>(29)</sup>. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ddokumentat fid-dettall li l-industrija tal-aluminju tibbenefika minn gwida u intervent governattivi dwar il-materja prima u l-inputs prinċipali, b’mod partikolari l-enerġija<sup>(30)</sup>. L-istess japplika għal miżuri oħrajn tal-gvern fis-settur li jinterferixxu mal-forzi tas-suq, bħal, fost l-oħrajn, politiki relatati mal-esportazzjoni, politiki ta’ kumulazzjoni ta’ riżerva, politiki ta’ espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni<sup>(31)</sup> jew il-provvista ta’ inputs bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq<sup>(32)</sup>.
- (45) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ sabiex ihegġegħ lill-operaturi jikkonformaw mal-oġġettivi tal-ordni pubbliku li jappoġġaw lill-industrija mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-inputs ewlenin li jintużaw fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b’mod ħieles.
- (46) Din l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont ir-raba’ inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fis-settur tal-PSC imsemmi hawn fuq fil-premessa (36) ma kinux se jaffettwaw lill-manifatturi tal-prodott taħt rieżami.
- (47) Is-settur tal-aluminju huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (36). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema lavorattiva fir-RPĊ).
- (48) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza f’din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-aluminju ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (36). Għalhekk, l-intervent sostanzjali mill-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b’mod serju fil-livelli kollha.

<sup>(27)</sup> Ara fuq: <https://www.dfdcj.com/article/item.html?id=2166> (aċċessat fil-31 ta’ Awwissu 2021)

<sup>(28)</sup> It-13-il Pjan ta’ Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (mill-2016 sal-2020), disponibbli fuq [https://en.ndrc.gov.cn/newsrelease\\_8232/201612/P020191101481868235378.pdf](https://en.ndrc.gov.cn/newsrelease_8232/201612/P020191101481868235378.pdf) (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta’ Mejju 2021).

<sup>(29)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 147-155; Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 102-109.

<sup>(30)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 156-158; Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessa 111.

<sup>(31)</sup> Skont l-informazzjoni disponibbli, fl-2020 il-produzzjoni Ċiniża tal-fojl tal-aluminju żdiedet bi 3,8 % sena sena (ara China Nonferrous Metals News - Exploring a new “blue oċean” for aluminum foil applications, disponibbli fuq: <https://finance.sina.com.cn/money/future/indu/2021-07-14/doc-ikqciyzk5369663.shtml>, ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta’ Settembru 2021). Barra minn hekk, filwaqt li l-kapaċità ta’ produzzjoni taċ-Ċina tal-aluminju elettrolitiku ġiet irrapportata fl-2020 li tammonta għal madwar 38,55 miljun tunnellata fis-sena, kien mistenni li tiżdied bi 3,163 miljun tunnellata fl-2021 (ara r-Review and Outlook of the Aluminum Market in 2020, disponibbli fuq: [https://www.sohu.com/a/445610891\\_782456](https://www.sohu.com/a/445610891_782456), li ġie kkonsultat l-aħħar fit-22 ta’ Settembru 2021)

<sup>(32)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/582, il-premessi 162-165; Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/983, il-premessi 116-120.



- (49) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa numru ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt rieżami jixtru jew jikkuntrattaw għal dawn l-inputs, il-prezzijiet li jitħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għal distorsjonijiet; huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital; u huma soġġetti għas-sistema ta' pjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.
- (50) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi mill-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tal-kombinament ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input, lejn l-input u l-bqija.
- (51) Il-partijiet interessati ma ppreżentaw l-ebda evidenza jew argument kuntrarju.
- (52) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles minħabba li dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-ispejjeż korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsimi li ġejja.

### 3.3.2. Pajjiż rappreżentattiv

#### (a) **Kummenti ġenerali**

- (53) Skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:
- livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għal dak tar-RPĊ abbażi tal-bażi ta' *data* tal-Bank Dinji <sup>(33)</sup>;
  - produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż;
  - disponibbiltà tad-*data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.
  - Fejn hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.
- (54) Kif spjegat fil-premessi (32) sa (33), il-Kummissjoni ppubblikat żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali: l-Ewwel Nota tal-FoP u t-Tieni Nota tal-FoP. Fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

<sup>(33)</sup> Id-Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, <https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income>.

**(b) Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ u l-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami**

- (55) Fl-Ewwel Nota tal-FoP, il-Kummissjoni identifikat lill-Armenja, lill-Brażil, lir-Russja u lit-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri lkoll huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" abbażi tal-introjtu nazzjonali gross matul il-PIR, fejn kien magħruf li jiġi mmanifatturat l-prodott ikkonċernat.
- (56) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-pajjiżi identifikati f'dik in-Nota.

**(c) Disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv**

- (57) Għall-erba' pajjiżi msemmija fil-premessa (55) hawn fuq, il-Kummissjoni vverifikat ukoll id-disponibbiltà ta' data finanzjarja pubblika dwar il-produtturi tal-prodott taħt rieżami f'dawk il-pajjiżi.
- (58) Fir-rigward tal-Armenja, ma kien hemm l-ebda data finanzjarja disponibbli għall-pubbliku għall-uniku produttur magħruf<sup>(34)</sup>. Fin-nuqqas ta' kummenti mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-Armenja ma setgħetx titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq għal din l-investigazzjoni.
- (59) Fir-rigward tal-Brażil, il-Kummissjoni fl-Ewwel Nota tal-FoP identifikat żewġ produtturi tal-AHF, jiġifieri Companhia Brasileira de Alumínio ("CBA") u Novelis do Brasil Ltda ("Novelis"). CBA kienet qiegħda tagħmel telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u għalhekk ġiet eskluża għad-determinazzjoni tal-SG&A u l-profit. Fir-rigward ta' Novelis, minkejja li d-data finanzjarja tagħha kienet disponibbli u l-kumpanija kienet profittabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija ma setgħetx titqies għar-raġunijiet li ġejjin: l-ewwel nett, il-Kummissjoni osservat li fil-Brażil kien għaddej proċediment anti-dumping dwar l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' prodotti tal-aluminju, inkluż l-AHF. L-importazzjonijiet Ċiniżi allegatament oġġett ta' dumping jista' jkollhom effett ta' distorsjoni fuq is-suq Brażiljan, pereżempju billi joħlqu tnaqqis fil-prezzijiet jew jikkawżaw telf dannuż lill-industrija tal-aluminju tal-Brażil; it-tieni, il-profit ġeneralment rapportat fir-rapport finanzjarju ta' Novelis kif instab fil-bażi ta' data ta' Dun and Bradstreet kien inkonsistenti mar-riżultati finanzjarji ta' telf preżentati fil-qafas tal-investigazzjoni anti-dumping imwettqa mill-awtoritajiet Brażiljani, u fejn Novelis kienet waħda mill-ilmentaturi domestiċi. Dan poġġa dubji serji dwar il-kwalità u l-preċiżjoni tad-data finanzjarja ta' Novelis disponibbli fuq Dun and Bradstreet. Barra minn hekk, fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni enfasizzat l-eżistenza ta' restrizzjonijiet tal-esportazzjoni fuq prodotti tal-aluminju fil-Brażil, b'mod partikolari kwota ta' esportazzjoni fuq input ewlieni (il-Liġi tal-aluminju) u prodott sekondarju (ir-Ruttam tal-aluminju) fil-produzzjoni ta' fojls domestiċi tal-aluminju. Għalhekk, fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Brażil ma setax jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.
- (60) Fir-rigward tar-Russja, għalkemm id-data finanzjarja tat-tliet produtturi ta' fojls domestiċi tal-aluminju li ġew identifikati fl-Ewwel Nota tal-FoP kienet disponibbli għall-pubbliku, fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Russja ma setgħetx titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Ir-raġunijiet għal din il-konklużjoni kienu l-eżistenza ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq l-aluminju, l-eżistenza ta' distorsjonijiet tal-gass naturali fis-suq domestiku, u l-fatt li s-suq tal-aluminju fir-Russja deher li kien iddominat minn grupp ta' kumpaniji wieħed (Rusal), li jipprevjeni kompetizzjoni effettiva fis-suq domestiku Russu.
- (61) Fir-rigward tat-Turkija, mit-tliet produtturi tal-fojl domestiku tal-aluminju li ġew identifikati fl-Ewwel Nota tal-FoP, id-data finanzjarja reċenti kienet disponibbli biss għal kumpanija waħda, jiġifieri Asaş Aluminyum. Madankollu, il-profit miksub minn Asaş Aluminyum kien qrib il-punt ta' ekwilibriju. Il-Kummissjoni ma qisitx tali marġni ta' profit baxx bħala raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, filwaqt li qieset li (i) kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<sup>(35)</sup>, il-livell ta' profit miksub fis-settur tal-estrużjoni tal-aluminju fit-Turkija fl-2018 kien sostanzjalment ogħla, jiġifieri 7,3 %, u (ii) il-profit miksub mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' dumping dannuż, kif użat fl-investigazzjoni oriġinali kien ta' 5 %. Għalhekk, fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-data finanzjarja ta' Asaş Aluminyum ma setgħetx tintuża bħala bażi sabiex jiġu ddeterminati l-SG&A u l-profit skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, li jipprevedi li "l-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".

<sup>(34)</sup> Id-data finanzjarja għall-unika kumpanija li tipproduċi (Rusal Armenal, CJSC) ma setgħetx tinstab fil-bażi ta' data ta' Dun and Bradstreet (<https://globalfinancials.com/index-admin.html>), u lanqas fuq is-sit web tal-kumpanija jew fi kwalunkwe post ieħor fuq l-Internet.

<sup>(35)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428, il-premessa 169.

- (62) Bħala konklużjoni, ma kien hemm l-ebda produttur ta' fojl domestiku tal-aluminju fit-Turkija li d-*data* finanzjarja tiegħu setgħet tintuża sabiex jiġi ddeterminat ammont raġonevoli għall-SG&A u l-profit.
- (63) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset jekk tistax tintuża *data* minn kumpaniji li jipproduċu prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott taħt rieżami. Fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodotti tal-estrużjoni tal-aluminju kellhom karatteristiċi tekniċi li jixbhju mill-qrib lil dawk tal-prodott taħt rieżami, u li kellhom kompożizzjoni ta' materjal ta' sors simili. It-tnejn spiss jiġu prodotti mill-istess kumpaniji jew fl-istess grupp. Għalhekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tintuża *data* tal-kumpaniji Torok attivi fis-settur tal-prodotti tal-estrużjoni tal-aluminju. Id-*data* finanzjarja li tkopri nofs il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet disponibbli għal ħames produtturi tal-estrużjoni tal-aluminju fit-Turkija <sup>(36)</sup>, u tali *data* tqieset rappreżentattiva tas-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu fojl domestiku tal-aluminju. Għalhekk, il-medja ponderata tal-SG&A u l-profit ta' dawk il-ħames kumpaniji ntużat sabiex jiġi ddeterminat ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u l-profit għall-kumpaniji li jipproduċu l-fojl domestiku tal-aluminju.
- (64) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adeqwatezza tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv u tal-ħames produtturi tal-estrużjoni tal-aluminju bħala produtturi fil-pajjiż rappreżentattiv. Ma wasal l-ebda kumment.

(d) **Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali**

- (65) Wara li ġie stabbilit li t-Turkija kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettag valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(e) **Konklużjoni dwar il-pajjiż rappreżentattiv**

- (66) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Turkija ssodisfat il-kriterji kollha stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, u b'hekk tqieset bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.3.3. *Is-sorsi użati sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

- (67) Fl-Ewwel Nota tal-FoP, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi tal-produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera, użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi tal-produzzjoni msemmija f'dik in-Nota.
- (68) Billi ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi u l-ebda kumment minn kwalunkwe waħda mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikant. Fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' fatturi tal-produzzjoni użati sabiex jiġi stabbilit il-valur normali abbażi tal-informazzjoni kontroverifikata provduta minn wieħed mill-applikanti li, skont l-applikanti u fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, kien hemm meqjus li għandu fatturi tal-produzzjoni u proċess ta' produzzjoni rappreżentattivi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.
- (69) Fit-Tieni Nota tal-FoP, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża d-*data* mill-Global Trade Atlas ("GTA") <sup>(37)</sup> sabiex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-fatturi prinċipali tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża informazzjoni mill-Istitut Tork tal-Istatistika sabiex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tax-xogħol <sup>(38)</sup> u tal-enerġija <sup>(39)</sup>.
- (70) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex tistabbilixxi l-kostijiet tal-SG&A u l-profit, hija kienet se tuża d-*data* finanzjarja mill-ħames produtturi Torok ta' prodotti tal-estrużjoni tal-aluminju, kif stabbilit fil-premessa (63) hawn fuq.

<sup>(36)</sup> Id-*data* finanzjarja mill-ħames kumpaniji tal-estrużjoni tal-aluminju ntużat f'żewġ investigazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti tal-aluminju: prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti (ĠU L 124, 12.4.2021, p. 40, il-premessi 266-267) u fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni (ĠU L 216, 18.6.2021, p. 142, il-premessa 223).

<sup>(37)</sup> <http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm>.

<sup>(38)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=istihdam-issizlik-ve-ucret-108&dil=2>.

<sup>(39)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=cevre-ve-enerji-103&dil=2>.

- (71) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni stabbilit il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kostijiet diretti tal-manifattura, abbażi tad-*data* tal-produttur tal-Unjoni msemmi fil-premessa (68) hawn fuq, li pprova informazzjoni speċifika għal dan il-għan. Il-metodoloġija hija spjegata kif xieraq fit-Taqsima 3.3.4 hawn taħt.

#### 3.3.4. Fatturi tal-produzzjoni

- (72) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura u kontroverifikata matul il-proċess tal-RCC, il-fatturi tal-produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

**Tabella 1 Fatturi tal-produzzjoni tal-AHF**

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi tal-Komodità	Valur (RMB)	Unità
Materja prima			
Liġi tal-aluminju mhux maħduma, oħrajn ("casted coil")	7601 20 80	14,01	kg
Żejt tal-laminazzjoni	2710 19 29	12,34	kg
Enerġija			
Elettriku	Mhux applikabbli	0,61	kWh
Gass Naturali	2711 21 00	1,97	M <sup>3</sup>
Manodopera			
Kost tal-manodopera fis-settur tal-manifattura, (NACE C.24)	Mhux applikabbli	57,59	siegħa għal kull kg
Prodott sekondarju			
Ruttam tal-aluminju	7602 00 19	10,63	kg

#### (1) Materja prima u prodott sekondarju

- (73) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata fl-istabbiliment tal-produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-livell tas-CIF fil-pajjiż rappreżentattiv kif rapportat fil-GTA li miegħu żdieđu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport, fejn applikabbli. Il-prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(40)</sup>.
- (74) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-Taqsima 3.3.1 ta' hawn fuq din ikkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma affettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Din l-esklużjoni ma kellhiex impatt sinifikanti, peress li l-importazzjonijiet li kien fadal kienu għadhom sinifikanti (jiġifieri 75 000 tunnellata ta' stokk tal-fojl, 700 000 tunnellata ta' żejt tal-irrumblar, u 161 000 tunnellata ta' ruttam tal-aluminju).

<sup>(40)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). Dawn il-pajjiżi huma l-Ażerbajġan, il-Belarusja, il-Korea ta' Fuq, it-Turkmenistan u l-Użbekistan L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawn il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(2) **Manodopera**

- (75) Sabiex tistabbilixxi l-valur referenzjarju għall-kostijiet lavorattivi fil-pajjiż rappreżentattiv, il-Kummissjoni użat l-aktar statistika riċenti ppubblikata mill-Istitut Statistiku Tork <sup>(41)</sup>. Dan l-istitut jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet lavorattivi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Turkija. Il-Kummissjoni stabbiliet il-parametru referenzjarju fuq il-bażi tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa għall-2016 <sup>(42)</sup> għall-attività ekonomika C.24, jiġifieri Manifattura ta' metalli bażiċi <sup>(43)</sup> skont il-klassifikazzjoni NACE Rev.2. Il-valuri ġew aġġustati aktar għall-inflazzjoni permezz tal-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi domestiċi <sup>(44)</sup> sabiex jirriflettu l-kostijiet għall-PIR.

(3) **Elettriku**

- (76) Il-prezz tal-elettriku għall-utenti industrijali fit-Turkija huwa ppubblikat mill-Istitut Statistiku tat-Turkija <sup>(45)</sup>. Il-Kummissjoni użat *data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-livell ta' konsum korrispondenti f'Kuruş/kWh li tkopri l-PIR.

(4) **Gass naturali**

- (77) Il-prezz tal-gass naturali għall-utenti industrijali fit-Turkija huwa ppubblikat mill-Istitut Statistiku tat-Turkija <sup>(46)</sup>. Il-Kummissjoni użat *data* dwar il-prezzijiet tal-gass industrijali fil-livell ta' konsum korrispondenti f'Kuruş/M<sup>3</sup> li tkopri l-PIR.

(5) **Spejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti**

- (78) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, kien jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura sabiex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.
- (79) Sabiex tistabbilixxi valur mhux distort tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, fuq il-bażi ta' *data* tal-produtturi tal-Unjoni provduta mill-applikanti, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kostijiet diretti tal-manifattura. Imbagħad, dan il-perċentwal ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kostijiet diretti tal-manifattura sabiex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.
- (80) Għall-istabbiliment ta' ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni qaġhdet fuq l-aktar *data* finanzjarja reċenti disponibbli tal-ħames kumpaniji fit-Turkija li kienu ġew identifikati fit-Tieni Nota tal-FoP bħala produtturi attivi u profittabbli ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali, jiġifieri l-prodotti ta' estrużjoni tal-aluminju, kif spjegat fil-premessa (63) hawn fuq. Intużat *data* finanzjarja għall-ħames kumpaniji li ġejjin kif estratta minn Dun and Bradstreet <sup>(47)</sup>:

- (1) Eksal Aluminyum Kalip Sanayi Ve Ticaret Limited Sirketi (is-sena finanzjarja tal-2020),
- (2) Okyanus Aluminyum Sanayi Ticaret Anonim Sirketi (is-sena finanzjarja tal-2020),
- (3) Cuhadaroglu Metal Sanayi Ve Pazarlama Anonim Sirketi (is-sena finanzjarja tal-2020),
- (4) P.M.S. Metal Profil Aluminyum Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (is-sena finanzjarja tal-2020),
- (5) Cansan Aluminyum Profil Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (is-sena finanzjarja tal-2019).

<sup>(41)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=istihdam-issizlik-ve-ucret-108&dil=2>

<sup>(42)</sup> Dan kien l-aktar perjodu reċenti li għalih il-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa għal din l-attività kienu disponibbli fil-mument li aħna kkonsultajna s-sett ta' *data*.

<sup>(43)</sup> Il-kategorija "metalli bażiċi" tinkludi l-aluminju taħt il-kodiċi C24.42 (ara <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/5902521/KS-RA-07-015-EN.PDF>, p. 156).

<sup>(44)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Bulten/DownloadIstatistikselTablo?p=RQJc6lWaNMpivNV6h1MxkWk9ycHqk1cNqZM2UJkfmUYAmenKIIz/lKzy74RY7Y2>

<sup>(45)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=cevre-ve-enerji-103&dil=2>

<sup>(46)</sup> <https://data.tuik.gov.tr/Kategori/GetKategori?p=cevre-ve-enerji-103&dil=2>

<sup>(47)</sup> <https://globalfinancials.com/index-admin.html> (aċċessat fit-28 ta' Settembru 2021).

### 3.3.5. Kalkolu tal-valur normali

- (81) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (82) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur Ċiniż, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni provduta minn wieħed mill-applikanti, kif imsemmi fil-premessa (68), dwar l-użu ta' kull fattur (materjali u manodopera) għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. Dawn il-proporzjonijiet ta' konsum ġew ivverifikati matul proċess tal-RCC. Il-Kummissjoni mbagħad immultiplikta il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-Taqsima 3.3.4 hawn fuq.
- (83) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni mbagħad żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u d-deprezzament, kif spjegat fil-premessa (78) mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex tasal għall-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni.
- (84) Għall-ispejjeż tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profit tal-ħames kumpaniji fil-pajjiż rappreżentattiv. L-SG&A, espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS") u applikati għall-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 14,1 %. Il-profit, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 7,1 %.
- (85) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni bniet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

### 3.4. Prezz tal-esportazzjoni

- (86) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur Ċiniż, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu bbażati fuq il-prezzijiet CIF reġistrati fil-Eurostat ikkoreġuti għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Għalhekk, il-prezz CIF tal-esportazzjoni tnaqqas mill-kostijiet tat-trasport bil-baħar u tal-assigurazzjoni u l-kost tat-trasport domestiku fiċ-Ċina. Il-kostijiet tat-trasport domestiku Ċiniż u tat-trasport internazzjonali kienu bbażati fuq informazzjoni provduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami, li nstabet li kienet konformi mal-kostijiet tat-trasport kalkolati bl-użu ta' bażijiet ta' *data* esterni (il-Bank Dinji u l-OECD).

### 3.5. Tqabbil u marġni tad-dumping

- (87) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u l-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit hawn fuq, fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (88) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping medju ponderat, espress bħala perċentwal tal-prezz tas-CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, instab fil-livell ta' 72,2 % matul il-PIR.

### 3.6. Konklużjoni

- (89) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ komplew ikunu oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 4. IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TA' DUMPING JEKK IL-MIŻURI JISKADU

- (90) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul l-PIR, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, id-disponibbiltà ta' swieq oħrajn u l-imġiba tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi, kif ukoll l-attraenza tas-suq tal-Unjoni. Huwa mfakkar li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll mill-GTĊ, l-analiżi kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari t-talba għal rieżami, l-istatistika tal-GTA u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

#### 4.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ

- (91) Sabiex tanalizza l-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-informazzjoni provduta mill-applikant fit-talba tiegħu għal rieżami u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, kif speċifikat fil-premessi ta' hawn taħt.
- (92) L-investigazzjoni wriet li minħabba tkabbir rapidu bejn l-2005 u l-2015, hemm kapaċità żejda ġenerali fis-settur tal-aluminju Ċiniż<sup>(48)</sup>. Dan jgħodd speċifikament ukoll għas-settur tal-AHF<sup>(49)</sup>. Skont is-CRU, madwar 8 % tal-produzzjoni totali tal-fojl tal-aluminju tintuża għall-produzzjoni tal-AHF<sup>(50)</sup>. Fuq din il-bażi, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-AHF fiċ-Ċina taqbeż b'mod sostanzjali l-volum tal-produzzjoni attwali u għalhekk il-produtturi Ċiniżi jiddependu ħafna fuq l-esportazzjonijiet. Fl-2020, il-konsum tal-fojl domestiku Ċiniż kien ta' madwar 250 000 tunnellata, filwaqt li l-produzzjoni kienet stmata li kienet madwar 308 000 tunnellata u l-kapaċità tal-produzzjoni kienet ta' madwar 360 000 tunnellata. Dan ifisser li l-kapaċità ta' riżerva Ċiniża kienet tammonta għal madwar 52 000 tunnellata fl-2020, jew 65 % tal-konsum tal-Unjoni tal-AHF matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-riieżami, li kienet tammonta għal madwar 80 000 tunnellata.
- (93) Il-kapaċità żejda fiċ-Ċina hija konfermata minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni Muniċipali ta' Shanghai għall-Ekonomija u l-Infurmazzjoni, li tirrapporta li hemm saħansitra kapaċità ġdida ta' fojl tal-aluminju maħluqa fiċ-Ċina u li tali kapaċità ġdida ta' produzzjoni laqgħet rekord ta' 1,65 miljun tunnellata fl-2020<sup>(51)</sup>. Jekk wieħed jassumi li madwar 8 % ta' din il-kapaċità totali (jiġifieri 132 000 tunnellata) tintuża għall-AHF, iż-żieda fil-kapaċità totali tal-produzzjoni biss tirrappreżenta aktar minn 150 % tal-konsum tal-Unjoni.
- (94) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti u l-kapaċitajiet tagħhom għandhom qegħdin jikbru. Dawn il-kapaċitajiet ta' riżerva jistgħu jintużaw għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

#### 4.2. Id-domanda fis-suq domestiku Ċiniż u swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi

- (95) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi Ċiniżi, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar is-suq domestiku Ċiniż tal-AHF u l-konsum domestiku ġie stabbilit kif stmat mill-applikanti, abbażi tad-*data* tas-CRU. Dan wera li l-konsum totali fiċ-Ċina huwa sostanzjalment anqas mill-kapaċità installata, u għalhekk il-produtturi fiċ-Ċina huma dipendenti fuq is-swieq tal-esportazzjoni. Kien hemm żieda stabbli fid-domanda osservata fiċ-Ċina fl-aħħar snin (mill-2017 sal-2020) ta' madwar 3 % fis-sena (jiġifieri madwar 8 000 tunnellata fis-sena), filwaqt li l-kapaċità ta' riżerva kienet tirrappreżenta 52 000 tunnellata fl-2020. Għalhekk, il-livell tad-domanda ma huwiex biżżejjed sabiex tkun tista' tassorbi l-kapaċità ta' riżerva totali fiċ-Ċina.
- (96) Il-Kummissjoni analizzat ukoll is-sitwazzjoni fi swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi u l-kapaċità tagħhom li jassorbu ż-żieda fl-esportazzjonijiet tal-AHF miċ-Ċina. Matul il-PIR, il-produtturi Ċiniżi kienu qegħdin jesportaw lejn numru ta' pajjiżi terzi oħrajn, it-Tajlandja, l-Indja, il-Korea t'Isfel, l-Indoneżja u l-Ġappun bħala d-destinazzjonijiet prinċipali tal-esportazzjoni, li jirrappreżentaw qrib l-40 % tal-esportazzjonijiet kollha miċ-Ċina matul il-PIR.

<sup>(48)</sup> L-Anness 1C.3 tat-talba għal rieżami (il-Kapaċità żejda tas-CRU fis-settur tal-prodotti rrumblati Ċiniżi żżid l-enfasi fuq l-esportazzjonijiet u l-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina, il-Kapaċità żejda fiċ-Ċina – impediment għall-aġenda ta' riforma tal-Partit) u l-Kapitolu 15 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-investigazzjonijiet dwar id-difiża tal-kummerċ.

<sup>(49)</sup> L-Anness 1C.3 tat-talba għal rieżami (il-Kapaċità żejda tas-CRU fis-settur tal-prodotti rrumblati Ċiniżi żżid l-enfasi fuq l-esportazzjonijiet).

<sup>(50)</sup> Il-Kapitolu 6 tas-CRU, il-Perspettiva tas-Suq Globali għall-Fojl tal-Aluminju sal-2022 (l-Anness 1C.3 tat-talba għal rieżami).

<sup>(51)</sup> <http://www.sheitic.sh.gov.cn/jjyw/20210106/ada4d50132bf4ccaa5c97944073a7d2d.html> (aċċessat l-aħħar fit-2 ta' Settembru 2021).

- (97) Hemm firxa wiesgħa ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ u restrizzjonijiet oħrajn fuq l-importazzjonijiet fis-seħħ kontra l-esportazzjonijiet ta' AHF li joriġinaw mill-PRC. Skont il-Global Trade Alert <sup>(52)</sup>, id-WTO <sup>(53)</sup> u l-informazzjoni provduta fit-talba għal rieżami <sup>(54)</sup>, jeżistu miżuri għad-difiża tal-kummerċ fl-Arġentina (anti-dumping), fl-Indja (anti-dumping), fil-Messiku (anti-dumping), fit-Turkija (anti-dumping), fl-Istati Uniti (anti-dumping u anti-sussidji) u fl-Indoneżja (salvagwardja). Dawk il-miżuri juru li l-aċċess tal-produtturi Ċiniżi għal dawk is-swieq huwa limitat, u għalhekk l-esportazzjonijiet lejn dawn is-swieq x'aktarx li ma jżdidux sostanzjalment fil-futur qarib.
- (98) Importatur partikolari argumenta li ż-żieda fid-domanda fir-reġjun Asjatiku Paċifiku, u l-kostijiet tat-trasport aktar baxxi meta mqabbla ma' dawk imġarrba meta ssir l-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni, ikunu jfissru li huwa aktar vijabbli ekonomikament għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li jesportaw l-AHF lejn ir-reġjun Asjatiku Paċifiku minflok lejn is-suq tal-Unjoni, anke minkejja l-miżuri ta' difiża tal-kummerċ u ostakli kummerċjali oħrajn fxi wħud minn dawn il-pajjiżi.
- (99) L-esportazzjonijiet tal-fojl tal-aluminju lejn l-akbar ħames swieq tal-esportazzjoni taċ-Ċina żdiedu b'34 % mill-2017 sal-PIR. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li għalkemm id-domanda fiċ-Ċina u fil-pajjiżi ġirien tagħha wriet żieda fl-aħħar snin, kien għad hemm kapaċità ta' riżerva sostanzjali disponibbli, li wera li din iż-żieda fid-domanda, minkejja l-kostijiet aktar baxxi tat-trasport relatati ma' dawn l-esportazzjonijiet, x'aktarx li ma tassorbix il-kapaċità ta' riżerva disponibbli.
- (100) Għalhekk, parti kbira mill-kapaċitajiet ta' riżerva x'aktarx li tintuża sabiex jżdiedu l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u l-aċċess għas-suq tal-Unjoni jsir mingħajr restrizzjonijiet sinifikanti.

#### 4.3. L-imġiba tal-prezz tal-produtturi esportaturi Ċiniżi lejn swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi

- (101) Il-Kummissjoni qieset li l-livelli tal-prezzijiet għal swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi jkunu indikatur raġonevoli għall-imġiba probabbli futura tal-prezzijiet lejn is-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni analizzat il-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn l-aktar swieq tal-esportazzjoni importanti tagħha matul il-PIR; jiġifieri t-Tajlandja, l-Indja, il-Korea t'Isfel, l-Indoneżja u l-Ġappun. Din l-analiżi żvelat li l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi kienu aktar baxxi mill-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, kif spjegat fil-premessa (102). Barra minn hekk, meta jitqiesu l-marġnijiet sinifikanti tad-dumping stabbiliti għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PIR, ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex jiġi konkluż li l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni ma jibqgħux f'livelli li huma l-oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

#### 4.4. L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni

- (102) Kif stabbilit fil-premessi (119) u (120), l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni saru kemm taħt l-iskema ta' proċessar attiv (prinċipalment), mingħajr ma kienu soġġetti għal miżuri anti-dumping jew dazji doganali, kif ukoll taħt ir-reġim doganali normali. Il-Kummissjoni qieset li jekk il-miżuri jiskadu, l-importazzjonijiet taħt ir-reġim doganali normali x'aktarx li jżdiedu u eventwalment jaqbu l-importazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-każijiet skont l-iskema ta' proċessar attiv. Dan huwa bbażat fuq il-fatt li qabel l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping saru importazzjonijiet sostanzjali taħt ir-reġim doganali normali u li s-suq tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (103) huwa wieħed mill-akbar swieq madwar id-dinja u kapaċi jassorbi tal-anqas parzjalment il-kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti disponibbli fiċ-Ċina. Għalhekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni taħt ir-reġim normali tal-importazzjoni tqiesu bħala punt ta' riferiment xieraq sabiex jiġi stabbilit jekk is-suq tal-Unjoni huwiex attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi f'termini ta' livelli tal-prezzijiet. Fuq din il-bażi, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni nstabu li kienu bħala medja 7 % ogħla mill-prezz medju lejn is-swieq prinċipali l-oħrajn tal-esportazzjoni taċ-Ċina (eskluż id-dazju anti-dumping). Dan indika li s-suq tal-Unjoni huwa attraenti f'termini ta' prezzijiet peress li jħalli aktar qligħ.
- (103) Is-suq tal-Unjoni għall-fojl tal-aluminju huwa, wara ċ-Ċina, it-tieni l-akbar fid-dinja li jammonta għal 15 % tad-domanda dinjija <sup>(55)</sup>. Għalhekk, l-Unjoni hija attraenti wkoll għall-produtturi Ċiniżi tal-AHF fid-dawl tad-daqs tagħha.

<sup>(52)</sup> [https://www.globaltradealert.org/data\\_extraction](https://www.globaltradealert.org/data_extraction)

<sup>(53)</sup> <http://i-tip.wto.org/goods/Forms/TableView.aspx>

<sup>(54)</sup> t20.007357 (l-Anness 1B.4: Annessi miftuħa, il-parti 1, p. 27 sa 32)

<sup>(55)</sup> L-Anness 1C.3 tat-talba għal rieżami (il-Prospettiva globali tas-CRU għall-fojl u l-prospettiva għall-aluminju primarju, p. 9).



- (104) Barra minn hekk, kif huwa spjegat fil-premessi (2) u (3), fil-passat il-produtturi esportaturi Ċiniżi aċċessaw ripetutament is-suq tal-Unjoni permezz ta' Prattiki ta' ċirkomvenzjoni billi esportaw prodott f'it modifikat u billi stabbilew operazzjonijiet ta' assemblaġġ fit-Tajlandja, bl-uniku għan li jevitaw id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Dawn il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni juru l-interess qawwi tal-produtturi Ċiniżi fl-aċċess għas-suq tal-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet u, b'hekk, l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni għal dawk il-produtturi.
- (105) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'każ li l-miżuri attwali jitħassru, huwa probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jerġgħu jidderieġu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping.

#### 4.5. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping

- (106) L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-AHF x'aktarx li jkomplu fuq skala akbar jekk il-miżuri jiskadu.
- (107) L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn is-swieq prinċipali l-oħrajn tagħhom tal-esportazzjoni huma saħansitra aktar baxxi mill-prezzijiet lejn l-Unjoni, u hemm bosta miżuri ta' difiża tal-kummerċ fis-seħħ kontra l-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-AHF f'bosta ġurisdizzjonijiet oħrajn li jikkonfermaw l-imġiba inġusta fl-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.
- (108) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet indikaturi oħrajn li d-dumping x'aktarx ikompli jekk il-miżuri jiskadu, bħall-kapaċità ta' riżerva għolja ta' AHF fiċ-Ċina u l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tal-livelli tal-prezzijiet u tad-daqs. Fl-istess ħin, is-suq domestiku Ċiniż u swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi ma jidhrux li jistgħu jassorbu kwalunkwe kapaċità ta' riżerva sinifikanti li teżisti fiċ-Ċina li għalhekk tkun disponibbli għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (109) B'konsegwenza, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jiskadu l-miżuri.

### 5. ĦSARA

#### 5.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (110) Il-prodott simili kien manifatturat minn sitt produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Huma jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (111) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal 39 460 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u d-*data* stmata provduta mill-produtturi mhux inklużi fil-kampjun u mill-applikanti <sup>(56)</sup>. Kif indikat fil-premessa (11), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

#### 5.2. Konsum tal-Unjoni

- (112) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-produzzjoni proprja tal-industrija tal-Unjoni destinata għas-suq tal-Unjoni, il-volumi tal-importazzjoni miksuba mill-istatistika tal-Eurostat u l-importazzjonijiet evitati ta' prodott f'it modifikat taħt rieżami mir-RPĊ kif reġistrati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku (il-“bażi ta' *data* 14.6”) <sup>(57)</sup>.
- (113) Abbażi ta' dan, il-konsum mill-Unjoni żviluppa kif ġej:

<sup>(56)</sup> Il-volum tal-produzzjoni huwa bbażat fuq id-*data* tal-EU-27 peress li r-Renju Unit ma baqax jagħmel parti mill-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Frar 2020 u l-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

<sup>(57)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/271.

Tabella 1

**Konsum tal-Unjoni (tunnellati) <sup>(58)</sup>**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	74 030	72 074	74 356	80 065
Indiċi	100	97	100	108

Sors: Il-Eurostat, il-bażi ta' data 14.6, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, informazzjoni provduta mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

- (114) B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żdied. Filwaqt li baqa' relattivament stabbli mill-2017 sal-2019, huwa żdied bi 8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel kemm mas-sena ta' qabel kif ukoll mal-2017.

**5.3. Importazzjonijiet mir-RPĊ****5.3.1. Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ**

- (115) Kif imsemmi fil-premessa (112), il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ abbażi tal-istatistika u l-informazzjoni tal-Eurostat mill-bażi ta' data 14.6. Is-sehem mis-suq kien stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (113).
- (116) L-importazzjonijiet mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

**Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ <sup>(59)</sup> (tunnellati)	2 103	2 071	2 242	1 588
Indiċi	100	98	107	76
Sehem mis-suq (%)	2,8	2,9	3,0	2,0
Indiċi	100	101	106	70

Sors: Il-Eurostat u l-bażi ta' data 14.6

- (117) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu bejn l-2017 u l-2019 u naqsu matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat naqsu b'24 % bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ baqa' stabbli bejn l-2017 u l-2019 u naqas fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami b'madwar punt 1 perċentwali, minkejja t-tnaqqis aktar sinifikanti fl-importazzjonijiet f'termini assoluti.
- (118) Madankollu, dan l-iżvilupp jenħtieġ li jitqies fl-isfond taż-żieda enormi fl-importazzjonijiet tal-prodott evitat mit-Tajlandja matul l-istess perjodu kif deskritt fil-premessi (131) u (133).

<sup>(58)</sup> Il-konsum huwa bbażat fuq data tal-EU-27, minbarra data relatata mar-Renju Unit

<sup>(59)</sup> Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, 1 339 tunnellata kienu importati taħt ir-reġim statistiku ta' proċessar attiv, 106 tunnellata taħt ir-reġim statistiku normali u 143 tunnellata kienu l-importazzjonijiet evitati skont ir-Regolament (UE) 2017/271.

- (119) Il-prodott taħt rieżami jiġi importat mir-RPĊ kemm taħt ir-reġim normali kif ukoll taħt is-sistema ta' proċessar attiv.
- (120) L-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt ir-reġim normali u taħt is-sistema ta' proċessar attiv żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

**Il-volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) mir-RPĊ taħt ir-reġim normali u taħt is-sistema ta' proċessar attiv**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt ir-reġim normali (tunnellati)	861	934	1 124	249
<i>Indiċi</i>	100	109	131	29
Sehem mis-suq (%)	1,2	1,3	1,5	0,3
<i>Indiċi</i>	100	112	130	27
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt is-sistema ta' proċessar attiv (tunnellati)	1 243	1 136	1 118	1 339
<i>Indiċi</i>	100	91	90	108
Sehem mis-suq (%)	1,7	1,6	1,5	1,7
<i>Indiċi</i>	100	94	90	100

Sors: Il-Eurostat u l-bażi ta' data 14.6

- (121) Il-volumi tal-importazzjonijiet taħt ir-reġim normali żdiedu b'31 % bejn l-2017 u l-2019 u naqsu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li ġie kkonkretizzat f'shem mis-suq dejjem akbar bejn l-2017 u l-2019 minn 1,2 % għal 1,5 % u tnaqqis fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal 0,3 %. L-importazzjonijiet taħt is-sistema ta' proċessar attiv segwew xejra opposta, u naqsu bejn l-2017 u l-2019 b'10 % u żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami b'20 %. Għalhekk, b'mod ġenerali matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni taħt l-iskema ta' proċessar attiv żdiedu bi 8 %, anki jekk, minħabba ż-żieda parallela fil-konsum, ma żdiedx is-sistem mis-suq, li b'mod ġenerali baqa' 1,7 %.

5.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u twaqqiġ tal-prezz*

- (122) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

Tabella 4

**Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt ir-reġim normali	2 573	2 509	2 609	2 737
<i>Indiċi</i>	100	97	101	106
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt is-sistema ta' proċessar attiv	2 152	2 312	2 329	2 277

Indiċi	100	107	108	106
Prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ (ir-reġimi doganali kollha)	2 179	2 373	2 450	2 351
Indiċi	100	109	112	108

Sors: Il-Eurostat u l-bażi ta' data 14.6

- (123) B'mod ġenerali, kemm għar-reġim doganali normali kif ukoll għall-proċedura ta' proċessar attiv, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mir-RPĊ żdiedu bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tal-importazzjoni (ir-reġimi doganali kollha) baqgħu taħt il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni matul il-PI (it-Tabella 9).
- (124) Il-prezz medju tal-importazzjoni taħt ir-reġim normali baqa' relattivament stabbli bejn l-2017 u l-2019 u żdied b'5 punti perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, filwaqt li l-prezz medju tal-importazzjoni taħt il-proċedura ta' proċessar attiv żdied b'mod kostanti sal-2019 u mbagħad naqas b'2 punti perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.
- (125) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblat:
- (1) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni li jintalab lill-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u
  - (2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ mill-Eurostat taħt ir-reġim normali, stabbiliti fuq bażi tas-CIF, inkluż id-dazju anti-dumping, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, dawn il-kostijiet ġew stmati għal 1 % tal-valur CIF.
- (126) Ir-riżultat tat-tqabbil ma wera l-ebda twaqqiġ tal-prezz.
- (127) Analiżi aktar dettaljata għal kull reġim ta' importazzjoni żvelat, madankollu, li l-importazzjonijiet li saru taħt l-iskema ta' proċessar attiv kienu qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 7,2 %. Kif spjegat fil-premessa (173), il-livelli tal-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet tqiesu bħala indikatur b'saħħtu tal-livelli futuri tal-prezzijiet għall-Unjoni mingħajr dazji anti-dumping.
- (128) Barra minn hekk, meta jitqies il-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi kollha, irrISPETTIVAMENT mir-reġim tal-importazzjoni mingħajr ma jiġu applikati d-dazji anti-dumping, instab li dawn waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 4,2 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Bħal hawn fuq, dawn il-prezzijiet tqiesu wkoll bħala indikatur raġonevoli tal-livelli possibbli futuri tal-prezzijiet jekk il-miżuri jitħassru.
- (129) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset ukoll il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet li ġew evitati mit-Tajlandja peress li dawk l-importazzjonijiet fir-realtà kienu minn produtturi esportaturi Ċiniżi li kienu qegħdin jevitaw biss id-dazji anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina. L-investigazzjoni stabbiliet li dawn l-importazzjonijiet (b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni), waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 3,5 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

### 5.3.3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ

- (130) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi oħrajn primarjament kienu mill-Armenja, mit-Tajlandja u mit-Turkija.

(131) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra r-RPĊ**

Pajjiż		2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
L-Armenja	Volum (tunnellati)	14 164	19 278	18 373	17 257
	<i>Indiċi</i>	100	136	130	122
	Sehem mis-suq (%)	19	27	25	22
	<i>Indiċi</i>	100	140	129	113
	Prezz medju	2 804	2 895	2 730	2 533
	<i>Indiċi</i>	100	103	97	90
It-Tajlandja	Volum (tunnellati)	28	1 027	2 659	6 820
	<i>Indiċi</i>	100	3 693	9 565	24 534
	Sehem mis-suq (%)	0,04	1,4	4	9
	<i>Indiċi</i>	100	3 793	9 364	22 685
	Prezz medju	2 337	2 544	2 426	2 381
	<i>Indiċi</i>	100	109	104	102
It-Turkija	Volum (tunnellati)	16 221	15 289	17 565	18 103
	<i>Indiċi</i>	100	94	108	112
	Sehem mis-suq (%)	22	21	24	23
	<i>Indiċi</i>	100	97	108	103
	Prezz medju	2 878	2 952	2 828	2 601
	<i>Indiċi</i>	100	103	98	90
Il-kumplament tad-dinja	Volum (tunnellati)	3 407	2 539	1 968	558
	<i>Indiċi</i>	100	75	58	16
	Sehem mis-suq (%)	5	4	3	1
	<i>Indiċi</i>	100	77	58	15
	Prezz medju	2 751	2 928	2 918	3 117
	<i>Indiċi</i>	100	106	106	113
Total tal-pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ	Volum (tunnellati)	33 820	38 133	40 564	42 738
	<i>Indiċi</i>	100	113	120	126
	Sehem mis-suq (%)	46	53	55	53
	<i>Indiċi</i>	100	116	119	117
	Prezz medju	2 834	2 910	2 764	2 545
	<i>Indiċi</i>	100	103	98	90

Total tal-pajjiżi terzi għajr it-Tajlandja u r-RPĊ	Volum (tunnellati)	33 792	37 106	37 905	35 918
	<i>Indiċi</i>	100	110	112	106
	Sehem mis-suq (%)	46	51	51	45
	<i>Indiċi</i>	100	113	112	98
	Prezz medju	2 834	2 921	2 785	2 576
	<i>Indiċi</i>	100	103	98	91

Sors: Il-Eurostat

- (132) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdiedu b'madwar 9 000 tunnellata, jiġifieri b'26 %, li huwa aktar mgħaġġel mill-progressjoni tal-konsum tal-Unjoni li rriżulta f'żieda fis-sehem mis-suq minn 46 % għal 53 %.
- (133) Madankollu, 76 % ta' din iż-żieda (6 792 tunnellata) kienu importazzjonijiet mit-Tajlandja li qegħdin jevitaw il-miżuri anti-dumping definittivi fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina kif stabbilit fil-premessa (3), u għalhekk għandhom jitqiesu bħala importazzjonijiet Ċiniżi.
- (134) Kif jidher fit-Tabella 5, filwaqt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn għajr mit-Tajlandja żdiedu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat (2 126 tunnellata), b'pass aktar bil-mod mill-konsum tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mit-Tajlandja żdiedu b'diversi eluf ta' drabi u dan irriżulta f'żieda fis-sehem mis-suq minn 0 % għal 9 %. Importazzjonijiet oħrajn ta' pajjiżi terzi mingħajr it-Tajlandja tilfu s-sehem mis-suq, b'mod partikolari bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, fejn iż-żieda fis-sehem mis-suq mit-Tajlandja kienet l-aktar evidenti (+ 5 punti perċentwali).
- (135) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Tajlandja nstabu li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 3,5 %, kif spjegat fil-premessa (129) hawn fuq, filwaqt li fl-istess ħin il-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn minbarra t-Tajlandja kienu konformi mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

#### 5.4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

##### 5.4.1. Kummenti ġenerali

- (136) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (137) Kif imsemmi fil-premessa (11), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (138) Sabiex tiddetermina l-ħsara, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju dwar l-anti-dumping mill-produtturi inklużi fil-kampjun, kif ukoll tad-*data* makroekonomika provduta mill-produtturi mhux inklużi fil-kampjun u mill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, kontroverifikata mad-*data* fit-talba għal rieżami. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (139) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.
- (140) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

## 5.4.2. Indikaturi makroekonomiċi

## 5.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (141) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	41 387	35 173	36 292	39 460
<i>Indiċi</i>	100	85	88	95
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	52 900	47 600	48 100	50 750
<i>Indiċi</i>	100	90	91	96
L-użu tal-kapaċità (%)	78,2	73,9	75,5	77,8
<i>Indiċi</i>	100	94	96	99

Sors: informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, informazzjoni provduta mill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni.

- (142) Għalkemm il-konsum tal-Unjoni żdied bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat kif imsemmi fil-premessa (113), il-volum tal-produzzjoni tal-prodott simili naqas bi 15 % mill-2017 sal-2018, u wara dan irkupra ftit matul il-bqija tal-perjodu kkunsidrat, li rriżulta fi tnaqqis ta' 5 % matul il-perjodu sħiħ ikkunsidrat. Għalhekk, iż-żieda fil-konsum tal-Unjoni ma kinitx ta' benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni.
- (143) It-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni huwa parzjalment dovut għall-proċessi ta' ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni mwettqa sabiex tirkupra mill-ħsara mġarrba matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tal-investigazzjoni għar-rieżami tal-iskadenza preċedenti (mill-1 ta' Ottubru 2013 sat-30 ta' Settembru 2014), u parzjalment minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni inġusta li l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat minn importazzjonijiet evitati tal-prodott taħt rieżami li ġejjin mit-Tajlandja. Kif spjegat fil-premessa (132), iż-żieda fil-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi kienet dovuta prinċipalment għal żieda fl-AHF evitat mit-Tajlandja.

## 5.4.2.2. Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

- (144) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

**Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	38 107	31 871	31 550	35 739
<i>Indiċi</i>	100	84	83	94
Sehem mis-suq (%)	51	44	42	45
<i>Indiċi</i>	100	86	82	87

Sors : Informazzjoni provduta mill-applikant, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun.

- (145) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Huwa naqas b'mod stabbli sal-2019 (bi 17 %) u rkupra parzjalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, billi żdied bi 11-il punt perċentwali. Madankollu, din iż-żieda ma kinitx konformi maż-żieda fil-konsum tal-Unjoni li b'mod ġenerali rriżulta f'telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 51 % fl-2017 għal 45 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (bi tnaqqis ta' 6 punti perċentwali), filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet evitati mit-Tajlandja kiseb 9 punti perċentwali matul l-istess perjodu.

#### 5.4.2.3. Tkabbir

- (146) Għalkemm il-konsum tal-Unjoni żdied bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'6 %, li rriżulta f'telf ta' 13 % mis-sehem mis-suq għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Konsegwentement, ma kienx hemm tkabbir għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

#### 5.4.2.4. Impjiegi u produttività

- (147) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

#### Impjiegi u produttività

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Numru ta' impjegati (FTE)	394	356	359	378
Indiċi	100	90	91	96
Produttività (unità/impjegat)	105	99	101	104
Indiċi	100	94	96	99

Sors : Informazzjoni provduta mill-applikant, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun.

- (148) In-numru ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni naqas b'4 % bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala output (tunnellati) għal kull impjegat, segwiet l-istess xejra sal-2019 u rkuprat fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami wara ż-żieda fil-produzzjoni u fil-bejgħ, kif spjegat fil-premessi (142) u (145) hawn fuq.
- (149) It-tnaqqis fin-numru ta' impjegati huwa dovut għat-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni, li huwa marbut ukoll mat-tnaqqis tal-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

#### 5.4.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

- (150) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (89) li d-dumping mir-RPĊ kompli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni ta' dumping mir-RPĊ, jekk il-miżuri jiskadu.
- (151) Minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ mill-2009, l-industrija tal-Unjoni tilfet volum ta' bejgħ sostanzjali li huwa rifless f'telf tas-sehem mis-suq ta' 13 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, ma seta' jiġi stabbilit l-ebda rkupru sħiħ mid-dumping tal-passat u l-industrija tal-Unjoni tibqa' vulnerabbli ħafna għall-effetti dannużi minn kwalunkwe importazzjoni oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.



## 5.4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

## 5.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (152) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klienti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

**Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Prezz unitarju medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	2 822	2 930	2 810	2 663
<i>Indiċi</i>	100	104	100	94
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	2 645	2 776	2 620	2 574
<i>Indiċi</i>	100	105	99	97

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (153) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità żdied bejn l-2017 u l-2018 u naqas fl-2019 fl-istess livell tal-2017, imbagħad naqas b'6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżomm il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha ogħla mill-ispiża unitarja tal-produzzjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat, il-pessjoni fuq il-prezzijiet taż-żieda fl-importazzjonijiet li ġew evitati mit-Tajlandja kienet qiegħda turi effett fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li kieku dawn naqsu għal grad ogħla mill-kost unitarju.

## 5.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

- (154) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	19 444	19 827	20 487	22 184
<i>Indiċi</i>	100	102	105	114

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (155) Il-kost medju lavorattiv żdied progressivament matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod ġenerali, il-kost medju lavorattiv għal kull impjegat żdied b'14 %. Din ix-xejra kienet influwenzata l-aktar mill-proċess ta' ristrutturar fuq l-industrija tal-Unjoni, peress li xi produtturi investew fil-ħolqien ta' strutturi ta' bejgħ fi Stati Membri differenti.

## 5.4.3.3. Inventarji

- (156) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

**Inventarji**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Stokks tal-ġheluq (tunnellati)	978	940	1 693	1 425
<i>Indiċi</i>	100	96	173	146
Stokks tal-ġheluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	2,4	2,7	4,7	3,6
<i>Indiċi</i>	100	113	197	153

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (157) L-inventarji ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala indikatur rilevanti ta' ħsara f'dan is-settur peress li l-produzzjoni u l-bejgħ huma bbażati prinċipalment fuq ordnijiet u, għalhekk, il-produtturi għandhom it-tendenza li jżommu stokks limitati. Għalhekk, ix-xejriet fl-inventarji qegħdin jingħataw biss għall-fini ta' informazzjoni.
- (158) B'mod ġenerali, l-inventarji żdiedu b'46 % matul il-perjodu kkunsidrat. Inizjalment dawn naqsu b'4 % mill-2017 sal-2018 qabel ma żdiedu b'mod progressiv fl-2019 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

- (159) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	8,2	7,4	6,8	3,4
<i>Indiċi</i>	100	90	83	41
Il-fluss tal-flus (EUR)	10 768 045	10 888 351	8 682 415	10 199 898
<i>Indiċi</i>	100	101	81	95
Investimenti (EUR)	1 141 165	4 327 224	1 119 149	1 665 356
<i>Indiċi</i>	100	379	98	146
Redditu fuq l-investimenti (%)	10	7	5	1
<i>Indiċi</i>	100	74	55	15

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (160) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

- (161) Wara l-investigazzjoni għar-rieżami ta' skadenza preċedenti msemmija fil-premessa (1), fejn ġew imposti l-miżuri anti-dumping, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjebet u l-marġni ta' profitt tagħha laħaq it-8,2 % fl-2017. Madankollu, is-sitwazzjoni marret għall-agħar sussegwentement u l-marġnijiet ta' profitt naqsu mill-2018 u laħqu biss it-3,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 59 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (162) Dan kien prinċipalment dovut għall-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet evitati mit-Tajlandja li daħlu fl-Unjoni u waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni u li jeżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet li ġiegħlet lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-livelli tal-prezzijiet tagħha, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (153).
- (163) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja hija stess l-attivajiet tagħha. Minħabba li l-industrija tal-Unjoni għadha profittabbli, minkejja x-xejra ta' tnaqqis, il-fluss tal-flus baqa' b'mod ġenerali relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat.
- (164) L-investimenti żdiedu b'46 % fil-perjodu kkunsidrat, li huwa prinċipalment dovut għall-isforzi li saru mill-industrija tal-Unjoni sabiex tissimplifika l-produzzjoni tagħha u żżid l-effiċjenza u l-produttività sabiex tiffaċċja ż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx. Madankollu, matul l-istess perjodu, ir-redditu fuq l-investimenti, li huwa espress bħala l-profit f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti naqas minn 10 % għal 1 % u għalhekk segwa l-istess xejra bħall-profittabbiltà.
- (165) It-tnaqqis fil-profittabbiltà u r-redditu fuq l-investment għamluha dejjem aktar diffiċli għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun sabiex iżidu l-kapital għall-investment. Hekk kif ir-redditi fuq l-investimenti naqsu daqshekk malajr, il-kapaċità tal-produtturi fil-kampjun li jiġġeneraw il-kapital fil-futur hija saħansitra aktar fil-periklu.

#### 5.4.4. *Konklużjoni dwar il-ħsara*

- (166) L-evoluzzjoni tal-indikaturi mikro u makro matul il-perjodu kkunsidrat uriet sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tal-industrija tal-Unjoni. B'mod ġenerali, ix-xejriet tal-indikaturi ekonomiċi prinċipali kollha marru għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat.
- (167) B'mod partikolari, il-produzzjoni, il-volumi tal-bejgħ u l-ishma mis-suq naqsu, kif ukoll il-prezzijiet tal-bejgħ li kellhom effett negattiv fuq l-impjiegi u l-produttività kif ukoll fuq il-profittabbiltà. Iż-żieda fil-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet evitati mit-Tajlandja b'mod partikolari ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni tallinja l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha mal-iżvilupp tal-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha b'effetti negattivi fuq il-profittabbiltà tagħha li raw tnaqqis ta' kważi 60 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-aħħar nett, ir-redditi li qegħdin jonqsu malajr fuq l-investimenti għandhom impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li żżid il-kapital u l-investimenti.
- (168) Min-naħa l-oħra, minkejja x-xejriet ta' tnaqqis, l-industrija tal-Unjoni xorta rnekkelha żżomm volum kbir ta' bejgħ u sehem konsiderevoli mis-suq. Bl-istess mod, minkejja x-xejra negattiva, il-profittabbiltà baqgħet pożittiva matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, iżda kienet f'sitwazzjoni fraġli.
- (169) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat aktar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara jekk il-miżuri jiskadu.

### 6. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA**

- (170) Fil-premessa (168) il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, iżda kienet f'sitwazzjoni fraġli. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (171) Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni qieset l-elementi li ġejjin: (i) il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni; (ii) il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu; u (iii) l-eżistenza ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

### 6.1. Il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ - l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni

- (172) Kif stabbilit fil-premessa (91), il-kapaċità tal-produzzjoni fir-RPĊ taqbeż b'mod sostanzjali l-volumi tal-produzzjoni u d-domanda interna fis-suq domestiku Ċiniż. Barra minn hekk, minħabba l-konklużjonijiet dwar l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni kif deskritta fil-premessi (102) sa (105), tali kapaċità ta' riżerva x'aktarx li fil-biċċa l-kbira tintuża għall-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 6.2. Il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiskadu

- (173) Sabiex tivvaluta l-impatt tal-importazzjonijiet futuri fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li l-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi mingħajr dazji anti-dumping ikunu indikatur raġonevoli tal-livelli futuri tal-prezzijiet għas-suq tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, kif stabbilit fil-premessi (127) u (128) rispettivament, il-marġni medju tat-twaqqigħ tal-prezz għall-prodott taħt rieżami nstab li kien 4,2 % għar-reġimi kollha tal-importazzjoni, u 7,2 %, taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, tal-aħħar, li ma huwa soġġett għall-ebda dazju, jitqies bħala l-aħjar indikatur tal-livelli probabbli tal-prezzijiet fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping.
- (174) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (120), kważi l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ lejn l-Unjoni saru taħt il-proċedura ta' proċessar attiv. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-miżuri anti-dumping kienu effettivi fil-prevenzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni, u li x'aktarx jergħu jibdedw jekk il-miżuri jiskadu.
- (175) Il-prodott taħt rieżami huwa prodott bażiku, u għalhekk is-suq huwa sensitiv għall-prezz. Żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ġġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tkompli tnaqqas il-prezzijiet tagħha hekk kif diġà sar sabiex tikkompeti mal-importazzjonijiet evitati mit-Tajlandja, kif spjegat hawn fuq fil-premessi (133) u (135).
- (176) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, u jekk jiffaċċjaw żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx mir-RPĊ, il-produtturi tal-Unjoni, f'tentattiv biex iżommu l-volumi tal-bejgħ u l-ishma mis-suq, inaqqsu l-prezzijiet tagħhom b'4,2 % (fil-livell tat-twaqqigħ tal-prezz); dan ikollu impatt fuq il-profittabbiltà ġenerali tal-industrija, li tonqos minn 3,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal -1 %, u għalhekk issir negattiva fit-terminu l-qasir.
- (177) Min-naħa l-oħra, jekk l-industrija tal-Unjoni żżomm il-livelli attwali tal-prezzijiet tagħha, u meta jitqies li l-AHF huwa prodott bażiku, dan ikollu impatt negattiv kważi immedjat fuq il-volum tal-bejgħ u tal-produzzjoni tiegħu, kif ukoll fuq is-sehem mis-suq. Barra minn hekk, tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni jirriżulta f'żieda fl-ispejjeż unitarji tal-produzzjoni minħabba t-tnaqqis fl-ekonomija ta' skala. Dan ikompli jiddeterjora l-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni u jinbidel f'telf fuq perjodu ta' żmien qasir.
- (178) B'telf ta' profittabbiltà, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' twestaq l-investimenti meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal ukoll għal telf ta' impjegi u riskju ta' għeluq tal-linji tal-produzzjoni.

### 6.3. L-eżistenza ta' Prattiki ta' Ċirkomvenzjoni

- (179) Kif stabbilit fil-premessa (104), l-esportaturi Ċiniżi għandhom storja ta' Prattiki ta' Dumping lejn is-suq tal-Unjoni. Bħalissa, kif imsemmi fil-premessi (2) u (3), hemm fis-seħħ żewġ miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni, waħda kontra l-importazzjonijiet ta' prodott fit-modifikat miċ-Ċina, u t-tieni, aktar reċenti, għall-importazzjonijiet li ġejjin mit-Tajlandja fejn il-produtturi esportaturi Ċiniżi stabbilew operazzjonijiet ta' assemblaġġ.
- (180) Kif indikat fil-premessi (153) u (162), il-Prattiki ta' Ċirkomvenzjoni mit-Tajlandja kienu l-kawża prinċipali għat-telf tal-industrija tal-Unjoni fil-volum ta' bejgħ u s-sehem sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. L-eżistenza ta' dawn il-Prattiki ta' Ċirkomvenzjoni turi li l-importazzjonijiet evitati li jidħlu fis-suq tal-Unjoni mingħajr dazji anti-dumping għandhom effett negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li jimmaterializza malajr minħabba s-sensittività tal-prezz tas-suq.

#### 6.4. Konklużjoni

- (181) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri, bil-probabbiltà kollha jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk ikompli jaggrava s-sitwazzjoni diġà fraġli tal-industrija tal-Unjoni. Huwa probabbli ħafna li dan iwassal għal rikorrenza ta' ħsara materjali u b'konsegwenza ta' dan, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

### 7. INTERESS TAL-UNJONI

- (182) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tad-distributuri u tal-utenti.
- (183) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

#### 7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (184) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn madwar tmien kumpaniji u kienet timpjega madwar 1 000 ħaddiem direttament b'ħafna aktar li jiddependu minnha indirettament. Kif imsemmi fil-premessa (11), il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' produttori tal-Unjoni. Il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet (3) produttori tal-Unjoni li provdew tveġiba għall-kwestjonarju. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni.
- (185) Kif huwa stabbilit hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara materjali matul il-perjodu kkunsidrat iżda tinsab f'sitwazzjoni fraġli, kif huwa konfermat mix-xejriet negattivi tal-indikaturi tal-ħsara. It-tneħħija tad-dazji anti-dumping twassal għal rikorrenza probabbli ta' ħsara materjali li tiġi kkonkretizzata f'telf fil-volum tal-bejgħ u tal-produzzjoni, kif ukoll f'sehem mis-suq li jwassal għal telf fil-profitabbiltà u fl-impjiegi.
- (186) Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-Unjoni wriet li hija industrija vijabbli. Wara l-aħħar rieżami ta' skadenza, hija rnexxielha ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha f'kundizzjonijiet ġusti fis-suq tal-Unjoni, tagħmel l-investimenti u tilħaq profittabbiltà ġusta. Il-kontinwazzjoni tal-miżuri tipprevjeni l-importazzjonijiet bi prezz baxx mir-RPĊ milli jimlew is-suq tal-Unjoni, u għalhekk tippermetti lill-industrija tal-Unjoni iżżomm livelli ta' prezzijiet sostenibbli u iżid il-profitabbiltà tagħha sabiex tilħaq il-livelli meħtieġa għal investimenti futuri.
- (187) Abbażi ta' dan il-Kummissjoni b'hekk ikkonkludiet li iż-żamma tal-miżuri anti-dumping hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

#### 7.2. Interess ta' importaturi, ta' negozjanti u ta' utenti mhux relatati

- (188) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-importaturi, lin-negozjanti u lill-utenti mhux relatati magħrufa kollha. Importatur wieħed biss, Cellofix, ipprova kummenti iżda ma sstottomettiex tveġiba għall-kwestjonarju.
- (189) Cellofix oppona t-tiġdid tal-miżuri fis-seħħ filwaqt li ddikjara li: (i) ma jirriżultax f'rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni u, (ii) ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (190) Fir-rigward tal-ewwel punt, Cellofix argumenta li l-miżuri attwali kienu fis-seħħ għal perjodu ta' aktar minn ħdax-il sena li matulhom huwa ddikjara li l-industrija tal-Unjoni kienet irkuprat minn kwalunkwe ħsara mġarrba. Dan jidher ukoll fit-tkabbir tal-industrija.
- (191) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-asserzjoni. Kif stabbilit fit-Taqsima 5.4, l-investigazzjoni stabbiliet xejra ġenerali 'l isfel tal-indikaturi ekonomiċi u finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni, u wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni fraġli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kif stabbilit fil-premessa (146), il-Kummissjoni lanqas ma sabet li kien hemm tkabbir fl-industrija tal-Unjoni. Huwa mfakkar li abbażi ta' dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li twassal għal rikorrenza ta' ħsara materjali. Għaldaqstant, l-argumenti tal-importatur f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

- (192) Fir-rigward tat-tieni punt li t-tiġdid tal-miżuri mhux se jkun fl-interess tal-Unjoni, l-importatur sostna li, wara l-adozzjoni tal-miżuri anti-dumping definittivi fl-2009, huwa bata sabiex jixtri l-AHF mill-industrija tal-Unjoni minħabba n-nuqqas ta' kapaċità ta' produzzjoni tagħhom iżda wkoll minħabba l-pressjoni eżerċitata mill-kompetituri kbar tagħha fuq il-produtturi tal-Unjoni, sabiex tillimita l-provvista għal Cellofix.
- (193) Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' kapaċità tal-produzzjoni, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kellha madwar 10 000 tunnellata ta' kapaċità ta' riżerva disponibbli li ma jissuġġerixxi l-ebda problema fl-industrija tal-Unjoni sabiex tforri lis-suq tal-Unjoni. Fir-rigward tal-pressjoni allegata fuq l-industrija tal-Unjoni sabiex tillimita l-provvista tal-AHF, il-kumpanija ma provdjet l-ebda evidenza sabiex tappoġġa din l-affermazzjoni. Dawn il-pretensjonijiet għalhekk ġew miċħuda.
- (194) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' kwalunkwe importatur, negozjant jew utent ieħor, ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni dwar l-impatt tad-dazji fuq dawn il-partijiet. Madankollu, l-investigazzjoni oriġinali żvelat li kwalunkwe impatt fuq partijiet interessati oħrajn ma kienx tali li l-miżuri kellhom jitqiesu li huma kontra l-interess tal-Unjoni u bl-istess mod, l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti stabbiliet li ż-żamma tal-miżuri ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ta' dawn il-partijiet.
- (195) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq l-importaturi, in-negozjanti jew l-utenti.

### 7.3. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (196) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ.

## 8. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (197) Ibbażat fuq il-konklużjonijiet mil-huqa mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping mir-RPĊ, ir-rikorrenza tal-ħsara kawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, u l-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni ssib li jenħtieġ li jinżammu l-miżuri anti-dumping fuq ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-RPĊ.
- (198) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (199) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.
- (200) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkonvenzjoni, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni, fost l-oħrajn, tista' teżamina l-bżonn tat-tneħħija ta' rati individwali tad-dazju u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju applikabbli għall-pajjiż kollu.

- (201) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-RPĊ u manifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju anti-dumping.
- (202) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni <sup>(60)</sup>. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat Regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (203) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu sabiex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.
- (204) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(61)</sup>, meta ammont ikollu jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.
- (205) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. B'dan qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' fojl tal-aluminju ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 0,008 mm u mhux aktar minn 0,018 mm, mhux miiksi, mhux maħdum aktar milli rrumblat, frombli ta' wisgħa mhux aktar minn 650 mm u li ma jiżnux aktar minn 10 kg u li fil-preżent jaqa' fil-kodiċi NM ex 7607 11 19 (il-kodiċi TARIC 7607 11 19 10), u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping	Kodiċi addizzjonali TARIC
RPĊ	Alcoa (Shanghai) Aluminium Products Co., Ltd u Alcoa (Bohai) Aluminium Industries Co., Ltd	6,4 %	A944
	Shandong Loften Aluminium Foil Co., Ltd	20,3 %	A945
	Zhenjiang Dingsheng Aluminium Co., Ltd	24,2 %	A946
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	30,0 %	A999

<sup>(60)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, Il-Belġju.

<sup>(61)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" kif stabbilit fil-paragrafu 2, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7607 11 19 u ex 7607 11 90 (il-kodiċijiet TARIC 7607 11 19 30, 7607 11 19 40, 7607 11 19 50, 7607 11 90 44, 7607 11 90 46, 7607 11 90 71, u 7607 11 90 72), bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt:

Isem il-kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd	C198
Luoyang Wanji Aluminium Processing Co., Ltd	C199
Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd	C200
Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd	C201

5. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif stabbilit fil-paragrafu 2, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7607 11 19 u ex 7607 11 90 (il-kodiċijiet TARIC 7607 11 19 10, 7607 11 19 30, 7607 11 19 40, 7607 11 19 50, 7607 11 90 44, 7607 11 90 46, 7607 11 90 71, 7607 11 90 72) kkonsenjat mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li joriġina mit-Tajlandja kif ukoll jekk le (il-kodiċi TARIC addizzjonali C601).

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN



# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/403

tat-3 ta' Marzu 2022

**dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw fir-  
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97**

(notifikata bid-dokument C(2022) 1262)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti komponenti tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' wħud mill-partijiet tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tal-Kunsill, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 sa 7 tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Dazju anti-dumping japplika fuq l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni tad-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 <sup>(4)</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma jevitawx id-dazju anti-dumping.
- (3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni") li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.
- (4) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni eżentat mid-dazju estiż għadd ta' impriżi tal-assemblaġġ tar-roti.

<sup>(1)</sup> ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠUL 16, 21.1.2020, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠUL 17, 21.1.1997, p. 17.

<sup>(4)</sup> ĠUL 16, 18.1.1997, p. 55.

- (5) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* listi sussegwenti tal-partijiet eżentati <sup>(5)</sup>.
- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni l-aktar reċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament ta' eżenzjoni kienet adottata fil-15 ta' April 2021 <sup>(6)</sup>.
- (7) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.
- (8) Fil-25 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-kumpanija Pollakka Rowerland Piotr Tokarz ("Rowerland") ("il-kumpanija") talba għal eżenzjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk din it-talba kinitx ammissibbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' eżenzjoni.
- (9) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talba, il-ħlas tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn Rowerland ġie sospiż mill-jum li fih il-Kummissjoni rċeviet it-talba debitament sostanzjata għal eżenzjoni.
- (10) Il-kodiċi addizzjonali TARIC C529 ġie assenjat lill-Parti elenkata fit-*Tabella 1*, sabiex jidentifika l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera u soġġett għas-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż.

Tabella 1

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data tad-dħul fis-seħħ
C529	Rowerland Piotr Tokarz	ul. Klubowa 23, PL-32-600 Broszkowice, il-Polonja	17.10.2019

- (11) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni identifikat il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020 bħala l-perjodu li jrid jiġi investigat sabiex jiġu vverifikati l-attivitajiet ta' Rowerland matul il-perjodu ta' sospensjoni u tiddeċiedi jekk tagħtix eżenzjoni ("il-perjodu ta' investigazzjoni").
- (12) F'Jannar 2021, kif ukoll f'Mejju 2021 b'mod komplementari, Rowerland ipprovdiet id-*data* u ċ-ċifri lill-Kummissjoni li skonthom, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kumpanija kienet tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni sabiex tiġi eżentata.
- (13) B'mod partikolari, Rowerland allegat *a*) li hi użat partijiet essenzjali tar-roti għall-assemblaġġ tar-roti fi kwantitajiet 'il fuq mil-limitu ta' 299 unità għal kull tip ta' parti essenzjali tar-roti fuq bażi ta' kull xahar ("ir-regola *de minimis*") u *b*) li l-valur miżjud għall-partijiet inkorporati matul l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha jikkorrispondi għal aktar minn 25 % tal-kost tal-manifattura ("il-kriterju tal-valur miżjud ta' 25 %"). Għalhekk, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, Rowerland ma ddikjaratx li l-partijiet miġjuba miċ-Ċina kienu jikkostitwixxu inqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet użati fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ matul il-perjodu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku ("il-kriterju 60–40 %").

<sup>(5)</sup> ĠUC 45, 13.2.1997, p. 3, ĠUC 112, 10.4.1997, p. 9, ĠUC 220, 19.7.1997, p. 6, ĠUL 193, 22.7.1997, p. 32, ĠUL 334, 5.12.1997, p. 37, ĠUC 378, 13.12.1997, p. 2, ĠUC 217, 11.7.1998, p. 9, ĠUC 37, 11.2.1999, p. 3, ĠUC 186, 2.7.1999, p. 6, ĠUC 216, 28.7.2000, p. 8, ĠUC 170, 14.6.2001, p. 5, ĠUC 103, 30.4.2002, p. 2, ĠUC 35, 14.2.2003, p. 3, ĠUC 43, 22.2.2003, p. 5, ĠUC 54, 2.3.2004, p. 2, ĠUL 343, 19.11.2004, p. 23, ĠUC 299, 4.12.2004, p. 4, ĠUL 17, 21.1.2006, p. 16, ĠUL 313, 14.11.2006, p. 5, ĠUL 81, 20.3.2008, p. 73, ĠUC 310, 5.12.2008, p. 19, ĠUL 19, 23.1.2009, p. 62, ĠUL 314, 1.12.2009, p. 106, ĠUL 136, 24.5.2011, p. 99, ĠUL 343, 23.12.2011, p. 86, ĠUL 119, 23.4.2014, p. 67, ĠUL 132, 29.5.2015, p. 32, ĠUL 331, 17.12.2015, p. 30, ĠUL 47, 24.2.2017, p. 13, ĠUL 79, 22.3.2018, p. 31, ĠUL 171, 26.6.2019, p. 117, ĠUL 138, 30.4.2020, p. 8, ĠUL 158, 20.5.2020, p. 7, ĠUL 325, 7.10.2020, p. 74, ĠUL 140, 23.4.2021, p. 1.

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/659 tal-15 ta' April 2021 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠUL 140, 23.4.2021, p. 1).

- (14) F'Novembru 2021, il-Kummissjoni għamlet żjara ta' verifika fl-impjant tal-kumpanija biex teżamina l-merti tat-talba għal eżenzjoni.
- (15) Matul l-eżami tagħhom, is-servizzi tal-Kummissjoni stabbilew li:
- (a) Rowerland ikkonformat mar-regola *de minimis* kif iddikjarat fil-premessa (13) kemm f'termini ta' volumi ta' partijiet tar-roti mixtrija u użati għall-attività ta' assemblaġġ, u kif i-verifikat f'termini ta' volumi ta' roti magħquda;
  - (b) iċ-ċifri użati mill-kumpanija biex turi l-konformità mar-regoli kontra ċ-ċirkomvenzjoni jistgħu jiġu rikonċiljati ma' dawk irreġistrati fis-sistema kontabilistika;
  - (c) is-sistema kontabilistika użata minn Rowerland ma ppermettietx il-kumpanija tintraċċa l-oġġini tal-partijiet tar-roti mixtrija u użati fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ u għalhekk il-kriterju 60–40 % ma setax jiġi vvalutat;
  - (d) l-investigazzjoni wriet li Rowerland ma mmanifatturatx partijiet tal-biċikletti, ħliet ir-roti tal-biċikletti;
  - (e) f'konformità mad-dokumentazzjoni u mal-ispejgazzjonijiet ipprovduti minn Rowerland matul il-proċess ta' verifika, diversi kostijiet irrappurtati minn Rowerland bħala valur miżjud ġew emendati kif spjegat fil-punti (i)-(ii) hawn taħt, mentri kostijiet oħra kif spjegat fil-punti (iii)-(v) hawn taħt ma ġewx aċċettati bħala kostijiet marbuta direttament mal-attivitajiet ta' assemblaġġ:
    - (i) l-ammont irrapportat bħala kostijiet diretti tal-enerġija ġie kkalkolat minn Rowerland abbażi tal-għadd ta' ħaddiema assenjati għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, mentri l-ammont irrapportat bħala kostijiet indiretti tal-enerġija ġie kkalkolat abbażi tal-għadd ta' impjegati amministrattivi. Din il-metodoloġija ma tqisix xierqa peress li l-kostijiet tal-enerġija huma marbuta mal-bini fejn iseħħu l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ u mhux mal-għadd ta' impjegati. Għalhekk, il-kostijiet tal-enerġija ġew ikkalkulati mill-ġdid u ġew allokati abbażi tal-metri kwadri tal-bini fejn l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ twettqu (kostijiet diretti tal-enerġija) u tal-metri kwadri tal-uffiċċji u tal-imħażen fejn kienu maħżuna l-partijiet tar-roti (kostijiet indiretti tal-enerġija);
    - (ii) l-ammont irrapportat minn Rowerland bħala kera/lokazzjoni u elenkat bħala kost tal-manifattura indirett ġie emendat minħabba żball klerikali;
    - (iii) l-ammont irrappurtat minn Rowerland bħala kostijiet indiretti tal-enerġija kien jinkludi l-kostijiet tal-enerġija għal bini mhux marbut mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-kumpanija. Għalhekk, dawn il-kostijiet ma ġewx ikkunsidrati mal-kostijiet tal-manifattura tar-roti;
    - (iv) l-ammont irrapportat minn Rowerland taħt "kostijiet diretti oħra tal-manifattura" kien jinkludi kostijiet relatati mat-tiżbiġh tal-partijiet tar-roti mhux użati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, dawn il-kostijiet ġew injorati wkoll mill-kostijiet tal-manifattura tar-roti magħquda matul il-perjodu ta' investigazzjoni;
    - (v) l-ammont irrapportat minn Rowerland bħala deprezzament kien jinkludi deprezzament għall-bini, għall-faċilitajiet u l-bini kollha tal-kumpanija. Il-kumpanija ma rrapportatx deprezzament għall-makkinarju peress li t-tagħmir limitat fil-pussess tal-kumpanija kien diġà ġie deprezzat. Billi d-deprezzament tal-bini kummerċjali (ħanut) u l-imħażen relatati ma kienx marbut ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ, dan tqies bħala spejjeż amministrattivi u mhux parti mill-kostijiet tal-manifattura.
  - (f) wara l-kalkolu mill-ġdid, il-valur miżjud għall-partijiet miġjuba minn Rowerland matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ ammonta għal inqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura.
- (16) B'riżultat ta' dan, il-kumpanija ma kinitx tissodisfa l-kriterji għal eżenzjoni. B'mod partikolari, matul il-perjodu ta' investigazzjoni Rowerland kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.
- (17) Għal dawn ir-raġunijiet u skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament ta' eżenzjoni, it-talba għal eżenzjoni għandha tiġi miċħuda u għandha titneħħa s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż skont l-Artikolu 5 tal-istess Regolament.
- (18) Konsegwentement, id-dazju estiż għandu jinġabar b'mod retroattiv mid-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni, jiġifieri s-17 ta' Ottubru 2019.

- (19) Fil-25 ta' Jannar 2022, il-kumpanija ġiet infurmata bis-sejbiet ta' hawn fuq li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tipproponi ċ-ċaħda tat-talba tagħha għal eżenzjoni, u nġhatat l-opportunità li tikkummenta. Il-kumpanija nġhatat ukoll l-opportunità ta' smiġġ, u sar smiġġ mal-kumpanija.
- (20) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni, Rowerland ikkontestat ir-reviżjoni tal-kostijiet tagħha magħmula mill-Kummissjoni kif iddikjarat fil-premessa (15). B'mod partikolari, Rowerland sostniet li l-ammont ta' deprezzament inkluż fil-kalkolu tal-valur miżjud għandu jinkludi wkoll l-ispejjeż ta' deprezzament għal faċilitajiet addizzjonali bħall-pjazza pavimentata, is-sala tat-tinda u l-bini kummerċjali bil-maħżen, peress li dawn il-faċilitajiet kienu allegatament marbuta direttament ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ tar-roti u/jew kienu jikkostitwixxu parti integrali mill-faċilità sħiħa.
- (21) Bħala nota ġenerali, ta' min jinnota li meta jiġi kkalkulat, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, jekk il-valur miżjud tal-parts li ntużaw matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ kienu ikbar minn 25 % tal-kost tal-manifattura, il-kostijiet inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud huma kostijiet imġarrba fil-proċess ta' manifattura li jwasslu għal żieda fil-valur tal-prodott lest, minbarra l-ispejjeż tal-bidu (pereżempju l-kostijiet lavorattivi tal-manifattura, l-ispejjeż ġenerali, id-deprezzament tal-faċilitajiet tal-assemblaġġ, il-parts immanifatturati internament). Dawn il-kostijiet għandhom għalhekk jiġu speċifikament imġarrba fil-proċess tal-manifattura u tat-tlestija tar-roti. Il-kostijiet imġarrba mill-kumpanija li ma jstgħux ikunu marbuta mal-proċess tal-manifattura matul il-perjodu ta' investigazzjoni mhumiex inklużi sabiex jiġi kkalkulat il-valur miżjud. Għalhekk, it-tipi l-oħra tal-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi mhumiex inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud billi dawn il-kostijiet ma ġġarrbux mill-kumpanija fil-proċess tal-manifattura u ma jżidux il-valur miżjud tal-prodott.
- (22) Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li, kif iddikjarat fil-premessa (15)(d), Rowerland ma mmanifatturatx partijiet tal-biċikletti, ħlief ir-roti tal-biċikletti. L-ispejjeż ta' deprezzament irrapportati kienu primarjament għal diversi binjiet. L-investigazzjoni żvelat li minn April 2020 Rowerland kellha wkoll binja li kienet tintuża għall-bejgħ tar-roti. Id-deprezzament ta' dan il-bini għalhekk ma kienu inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud. Madankollu, id-deprezzament tal-binjiet fejn saru l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew li kienu marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ġew inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud. Barra minn hekk, il-Kummissjoni inkludiet ukoll il-kera ta' żewġ imħażen fejn kienu maħżuna l-partijiet tar-roti, peress li dawn il-kostijiet huma marbuta mal-proċess tal-manifattura. Fir-rigward tal-pjazza pavimentata u tat-tinda, ma ġietx ipprovduta biżżejjed evidenza li kien hemm rabta diretta mal-operazzjoni ta' assemblaġġ. Fi kwalunkwe każ, l-impatt ta' din il-kwistjoni huwa marġinali fil-prattika, peress li l-valur miżjud xorta jkun inqas minn 25 %. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (23) Barra minn hekk, Rowerland ma qablitx mar-reviżjoni tal-kostijiet tal-elettriku mill-Kummissjoni skont il-premessa (15)(e)(i) u 15(e)(iii). Hija sostniet li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tagħha użat għall-elettriku nġhażel minn awditur ċertifikat. Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza f'dan ir-rigward. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (24) Rowerland sostniet ukoll li l-ispejjeż marbuta mal-ilma pprovdut lill-impjegati u r-rimi tal-iskart għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud. Madankollu, dawn l-ispejjeż kienu tant baxxi li ma kellhom l-ebda impatt materjali fuq il-kalkolu tal-valur miżjud.
- (25) Finalment, Rowerland sostniet li matul iż-żjara ta' verifika, hija għarrfet ħażin b'mod mhux intenzjonat lit-tim tal-każ tal-Kummissjoni dwar il-perjodu tal-użu ta' ċerti partijiet tar-roti li kkawżaw kostijiet ta' tiżbiġġ. Hija sostniet li dawn il-parts intużaw għall-assemblaġġ tar-roti fil-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk il-kostijiet taż-żebgħa għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-valur miżjud.
- (26) Il-Kummissjoni tinnota li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza f'dan ir-rigward u li għalhekk l-argument ġie miċħud bħala mhux sostanzjat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

It-talba għal eżenzjoni mid-dazju anti-dumping estiż ippreżentata mill-Parti elenkata fit-Tabella ta' dan l-Artikolu b'dan qed tiġi miċħuda skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

**Il-Parti li għaliha għandha titneħħa s-sospensjoni**

<b>Kodiċi addizzjonali TARIC</b>	<b>Isem</b>	<b>Indirizz</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ</b>
C529	Rowerland Piotr Tokarz	ul. Klubowa 23, PL-32-600 Broszkowice, il-Polonja	17.10.2019

*Artikolu 2*

Is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 hija b'dan imneħħija għall-Parti elenkata fit-Tabella tal-Artikolu 1.

Id-dazju estiż jenħtieġ li jinġabar mid-data prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-Parti elenkata fl-Artikolu 1 u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Valdis DOMBROVSKIS  
Vċi President Eżekuttiv

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/404****tat-3 ta' Marzu 2022****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 fir-rigward tal-istandards armonizzati għal ger tal-istering – sistemi ta' kejbil u taljoli****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, il-prodotti li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma preżunti konformi mar-rekwiżiti koperti minn daww il-istandards jew minn partijiet minnhom, stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE u fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8736 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) għall-abbozzar u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE li tindirizza rekwiżiti essenzjali aktar stretti stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE u fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, meta mqabbla mad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> li ġiet imħassra.
- (3) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8736, is-CEN u s-Cenelec intalbu wkoll jirrevedu standards li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2015/C 087/01 <sup>(5)</sup>.
- (4) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8736, is-CEN irreveda l-istandard armonizzat EN ISO 8847:2017 dwar ger tal-istering – sistemi ta' kejbil u taljoli, li kien issostitwixxa l-istandard armonizzat preċedenti EN ISO 8847:2004 u li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 435/06 <sup>(6)</sup>. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN ISO 8847:2021.

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8736 tal-15 ta' Diċembru 2015 fuq talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE.

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15).

<sup>(5)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni (Pubblikazzjoni ta' titoli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 87, 13.3.2015, p. 1).

<sup>(6)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (Pubblikazzjoni ta' titoli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 435, 15.12.2017, p. 144).

- (5) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk dak l-istandard kif ġie rivedut mis-CEN jikkonformax mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8736.
- (6) L-istandard EN ISO 8847:2021 jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar ta' sistemi tal-istering bil-kejbil għaddej u taljoli fuq inġenji żgħar b'magna tal-propulsjoni jew mingħajrha u fuq inġenji żgħar b'magna fuq barra sa u inkluż 37 kW tal-potenza totali.
- (7) L-istandard EN ISO 8847:2021 jissodisfa r-rekwiżiti li jimmira li jkopri, u li huma stipulati fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE, kif ukoll fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jixraq li r-referenza ta' dak l-istandard tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) L-istandard EN ISO 8847:2021 se jissostitwixxi l-istandard EN ISO 8847:2017.
- (9) Għalhekk jeħtieġ li r-referenza tal-istandard EN ISO 8847:2017 tiġi rtirata minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (10) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-verżjoni riveduta tal-istandard armonizzat EN ISO 8847:2017, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenza ta' dak l-istandard jiġi differit.
- (11) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE. Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN ISO 8847:2021 jenħtieġ li tiġi inkluża f'dak l-Anness.
- (12) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN ISO 8847:2017 jenħtieġ li tiġi inkluża f'dak l-Anness.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 tiġi emendata skont dan.
- (14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (2) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 tiżdied l-entrata li ġejja:

<b>Nru</b>	<b>Referenza tal-istandard</b>
"44	EN ISO 8847:2021 Inġenji żgħar - Ġer tal-istering - Sistemi ta' kejbil u taljoli".



## ANNEX II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/919 tizzied l-entrata li ġejja:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"37	EN ISO 8847:2017 Inġenji zġhar - Ġer tal-istering - Sistemi ta' kejbil u taljoli.	L-10 ta' Settembru 2023".

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/405****tat-3 ta' Marzu 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-pjanċi tal-kisi u għat-tejps tal-kisi, għall-apparati ta' illuminazzjoni jew luminarji, għall-aċċessorji elettriċi, għas-sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat, għas-salvaviti, għall-apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju u għal tagħmir ta' wweldjar reżistenti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, it-tagħmir elettriku li jkun konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun preżunt konformi mal-għanijiet tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, koperti minn daww l-istandards armonizzati jew minn partijiet minnhom.
- (2) Permezz tal-ittra M/511 tat-8 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tal-Telekomunikazzjoni (ETSI) biex jipprovdu l-ewwel lista sħiħa tat-titli tal-istandards armonizzati u biex jabbozzaw, jirvedu u jlestu l-istandards armonizzati, għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE. L-għanijiet tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/35/UE u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva ma nbidlux minn mindu saret it-talba lis-CEN, lis-Cenelec u lill-ETSI.
- (3) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandard armonizzat, EN IEC 61010-2-034:2021 u l-emenda għalih EN IEC 61010-2-034:2021/A11:2021 għar-rekwiżiti ta' sikurezza għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju.
- (4) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u s-Cenelec irredew u emendaw dawn l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2016/C 249/03) <sup>(3)</sup>: EN 50520:2009 għall-pjanċi u tejps għall-protezzjoni, EN 60898-2:2006 għas-salvaviti għal operazzjonijiet a.c u d.c., EN 61010-2-051:2015 għal tagħmir tal-laboratorju għat-taħlit u tħawwid u EN 61010-2-030:2010 għal apparat għall-ittejtjar u kejl ta' ċirkuwiti. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati u l-emendi li ġejjin: EN 50520:2020 u EN 50520:2020/A1:2021; EN 60898-2:2021; EN IEC 61010-2-051:2021 u EN IEC 61010-2-051:2021/A11:2021; kif ukoll EN IEC 61010-2-030:2021 u EN IEC 61010-2-030:2021/A11:2021. Abbażi ta' dik it-talba,

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

<sup>(3)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2016/C 249/03) fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU C 249, 8.7.2016, p. 62).

is-CEN u s-Cenelec irrevdedew ukoll l-istandard armonizzat EN 61010-2-061:2015 għal spettrometri atomiċi tal-laboratorju b'atomizzazzjoni u jonizzazzjoni termika, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 (\*). Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN IEC 61010-2-061:2021 u l-emenda għalih EN IEC 61010-2-061:2021/A11:2021.

- (5) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u s-Cenelec emendaw u kkoreġew ukoll l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2016/C 249/03): EN 60598-2-13:2006 kif emendat b'EN 60598-2-13:2006/A1:2012 u kif ikkoreġut b'EN 60598-2-13:2006/AC:2006 għall-apparati ta' illuminazzjoni mdaħħlin 'il ġewwa fl-art; EN 61534-1:2011 kif emendat b'EN 61534-1:2011/A1:2014 għal sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat; EN 61534-21:2014 għal sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat; EN 61534-22:2014 għal sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat; u EN 62135-1:2015 għal tagħmir ta' wwdjar reżistenti. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati emendatorji li ġejjin u ta' korrezzjoni: EN 60598-2-13:2006/A11:2021; EN 61534-1:2011/A11:2021; EN 61534-1:2011/A2:2021; EN 61534-21:2014/A11:2021; EN 61534-21:2014/A1:2021; EN 61534-22:2014/A11:2021; EN 61534-22:2014/A1:2021; u EN 62135-1:2015/AC:2016.
- (6) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u mas-Cenelec, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati u l-emendi u l-korrezzjonijiet għalihom jikkonformawx mat-talba M/511.
- (7) L-istandards armonizzati EN IEC 61010-2-034:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-034:2021/A11:2021; EN 50520:2020 kif emendat b'EN 50520:2020/A1:2021; EN 60898-2:2021; EN IEC 61010-2-051:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-051:2021/A11:2021; EN IEC 61010-2-061:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-061:2021/A11:2021; EN IEC 61010-2-030:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-030:2021/A11:2021; EN 60598-2-13:2006 kif emendat b'EN 60598-2-13:2006/A1:2012 u EN 60598-2-13:2006/A11:2021 u kif ikkoreġut b'EN 60598-2-13:2006/AC:2006; EN 61534-1:2011 kif emendat b'EN 61534-1:2011/A1:2014, EN 61534-1:2011/A11:2021 u EN 61534-1:2011/A2:2021; EN 61534-21:2014 kif emendat b'EN 61534-21:2014/A11:2021 u EN 61534-21:2014/A1:2021; EN 61534-22:2014 kif emendat b'EN 61534-22:2014/A11:2021 u EN 61534-22:2014/A1:2021; u EN 62135-1:2015 kif ikkoreġut b'EN 62135-1:2015/AC:2016 jissodisfaw l-għanijiet ta' sikurezza li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/35/UE. Għalhekk, jixraq li jiġu ppubblikati r-referenzi ta' dawk l-istandards, kif ukoll ir-referenzi tal-emendi u tal-korrezzjonijiet għalihom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 tippredvi fl-Anness I tagħha, ir-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/35/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE jkunu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (9) Għalhekk jeħtieġ li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard emendatorju jew ta' korrezzjoni għalihom ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea: EN 50520:2009; EN 60898-2:2006; EN 61010-2-051:2015; EN 61010-2-061:2015; EN 61010-2-030:2010; EN 60598-2-13:2006; EN 61534-1:2011; EN 61534-21:2014; EN 61534-22:2014 u EN 62135-1:2015.
- (10) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE li huma rtirati mis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jixraq li dawk ir-referenzi jiddaħħlu f'dak l-Anness. Madankollu, minħabba li r-referenza tal-istandard armonizzat EN 61010-2-061:2015 hija ppubblikata fl-Anness IB tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956, jeħtieġ li dik ir-referenza titħassar minn dak l-Anness.
- (11) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards armonizzati EN 50520:2020 kif emendat b'EN 50520:2020/A1:2021; EN 60898-2:2021; EN IEC 61010-2-051:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-051:2021/A11:2021; EN IEC 61010-2-061:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-061:2021/A11:2021; EN IEC 61010-2-030:2021 kif emendat b'EN IEC 61010-2-030:2021/A11:2021; EN 60598-2-13:2006

(\*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 tas-26 ta' Novembru 2019 dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ, li ġiet abbozzata b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 27.11.2019, p. 26).

kif emendat b'EN 60598-2-13:2006/A1:2012 u EN 60598-2-13:2006/A11:2021 u kif ikkoreġut b'EN 60598-2-13:2006/AC:2006; EN 61534-1:2011 kif emendat b'EN 61534-1:2011/A1:2014, EN 61534-1:2011/A11:2021 u EN 61534-1:2011/A2:2021; EN 61534-21:2014 kif emendat b'EN 61534-21:2014/A11:2021 u EN 61534-21:2014/A1:2021; EN 61534-22:2014 kif emendat b'EN 61534-22:2014/A11:2021 u EN 61534-22:2014/A1:2021 u EN 62135-1:2015 kif ikkoreġut b'EN 62135-1:2015/AC:2016, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin jiġi differit flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard emendatorju jew ta' korrezzjoni: EN 50520:2009; EN 60898-2:2006; EN 61010-2-051:2015; EN 61010-2-061:2015; EN 61010-2-030:2010; EN 60598-2-13:2006; EN 61534-1:2011; EN 61534-21:2014; EN 61534-22:2014 u EN 62135-1:2015.

- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 tiġi emendata skont dan.
- (13) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti, inkluż l-għanjiet tas-sikurezza, stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 hija emendata kif ġej:

- (a) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) l-Anness IB huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;
- (c) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punt (b) tal-Artiklu 1 għandu japplika mill-10 ta' Settembru 2023.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
“101.	EN IEC 61010-2-034:2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-034: Rekwiżiti partikolari għal tagħmir li jkejjel ir-reżistenza tal-iżolament u għal tagħmir tal-ittestjar għall-qawwa elettrika EN IEC 61010-2-034:2021/A11:2021
102.	EN 50520:2020 Pjanċi u tejsps għall-protezzjoni u twissija dwar il-post fejn jinsabu l-kejbils midfunin jew il-kondjuwits midfunin f'installazzjonijiet taħt l-art EN 50520:2020/A1:2021
103.	EN 60898-2:2021 Aċċessorji elettriċi — Salvaviti għall-protezzjoni ta' kurrenti ogħla min-normal għal installazzjonijiet fid-djar u installazzjonijiet simili — Parti 2: Salvaviti għal operazzjonijiet a.c u d.c.
104.	EN IEC 61010-2-051:2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għal tagħmir elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-051: Rekwiżiti partikolari għal tagħmir tal-laboratorju għat-taħlit u tħawwid EN IEC 61010-2-051:2021/A11:2021
105.	EN IEC 61010-2-061:2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għal tagħmir elettriku għall-kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-061: Rekwiżiti partikolari għal spettrometri atomiċi tal-laboratorju b'atomizzazzjoni u jonizzazzjoni termika EN IEC 61010-2-061:2021/A11:2021
106.	EN IEC 61010-2-030:2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-030: Rekwiżiti partikolari għall-ittestjar u kejl ta' ċirkuwiti EN IEC 61010-2-030:2021/A11:2021
107.	EN 60598-2-13:2006 Apparati ta' illuminazzjoni — Parti 2-13: Rekwiżiti partikolari — Apparati ta' illuminazzjoni mdaħħlin 'il ġewwa fl-art EN 60598-2-13:2006/A1:2012 EN 60598-2-13:2006/A11:2021 EN 60598-2-13:2006/AC:2006;
108.	EN 61534-1:2011 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali EN 61534-1:2011/A1:2014 EN 61534-1:2011/A11:2021 EN 61534-1:2011/A2:2021
109.	EN 61534-21:2014 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 21: Rekwiżiti partikolari għal sistemi binarju elettrifikat maħsubin għal immuntar ma' ħitan u soqfa EN 61534-21:2014/A11:2021 EN 61534-21:2014/A1:2021;

---

110.	EN 61534-22:2014 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 22: Rekwiżiti partikolari għal sistemi ta' binarji elettrifikati maħsubin għal installazzjoni fuq jew taħt il-madum tal-art EN 61534-22:2014/A11:2021 EN 61534-22:2014/A1:2021
111.	EN 62135-1:2015 Tagħmir ta' wweldjar reżistenti — Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà għad-disinn, manifattura u installazzjoni EN 62135-1:2015/AC:2016"

---

*ANNEX II*

Ir-ringiela 29 tal-Anness IB tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 titħassar.

---

## ANNEX III

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956, jiddiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
“96.	EN 50520:2009 Pjanċi u tejsps għall-protezzjoni u twissija ta' lokazzjoni ta' kejbils midfunin jew kondjuwits midfunin f'installazzjonijiet taħt l-art	L-10 ta' Settembru 2023
97.	EN 60898-2:2006 Aċċessorji elettriki — Salvaviti għall-protezzjoni ta' kurrenti ogħla min-normal għal installazzjoni fid-djar u installazzjonijiet simili — Parti 2: Salvaviti għal operazzjonijiet a.c u d.c.	L-10 ta' Settembru 2023
98.	EN 61010-2-051:2015 Rekwiżiti għas-sigurtà ta' tagħmir elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-051: Rekwiżiti partikolari għal tagħmir tal-laboratorju għat-taħlit u tħawwid	L-10 ta' Settembru 2023
99.	EN 61010-2-030:2010 Rekwiżiti ta' sigurtà għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju — Parti 2-030: Rekwiżiti partikolari għall-ittestjar u kejl ta' ċirkuwiti	L-10 ta' Settembru 2023
100.	EN 60598-2-13:2006 Apparati ta' illuminazzjoni — Parti 2-13: Rekwiżiti partikolari — Apparati ta' illuminazzjoni mdaħħlin 'il ġewwa fl-art EN 60598-2-13:2006/A1:2012 EN 60598-2-13:2006/AC:2006	L-10 ta' Settembru 2023
101.	EN 61534-1:2011 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali EN 61534-1:2011/A1:2014	L-10 ta' Settembru 2023
102.	EN 61534-21:2014 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 21: Rekwiżiti partikolari għal sistemi binarju elettrifikat maħsubin għal immuntar ma' ħitan u soqfa	L-10 ta' Settembru 2023
103.	EN 61534-22:2014 Sistemi ta' provvista ta' binarju elettrifikat — Parti 22: Rekwiżiti partikolari għal sistemi ta' binarji elettrifikati maħsubin għal installazzjoni fuq jew taħt il-madum tal-art	L-10 ta' Settembru 2023
104.	EN 62135-1:2015 Tagħmir ta' wweldjar reżistenti — Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà għad-disinn, manifattura u installazzjoni	L-10 ta' Settembru 2023”.



**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/406****tat-3 ta' Marzu 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 fir-rigward tal-istandards armonizzati għaż-żennuni awtomatiċi għall-użu fid-distributuri tal-fjuwil, il-pompi tal-kejl, id-distributuri u l-unitajiet ta' pompi li jitħaddmu mill-bogħod, il-mezzi ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri, il-valvi ta' sikurezza u swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri, li jintużaw fil-pompi tal-petrol**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, il-prodotti li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva koperti minn daww l-istandards jew minn partijiet minnhom.
- (2) Bl-ittra BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92 tat-12 ta' Diċembru 1994, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Eletroteknika (CENELEC) għat-tfassil u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>. Dik id-Direttiva ġiet sostitwita bid-Direttiva 2014/34/UE mingħajr ma nbidlu r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 94/9/KE.
- (3) B'mod partikolari, is-CEN u s-Cenelec intalbu jabbozzaw l-istandards li ġejjin għall-prodotti użati fl-istazzjonijiet tal-fjuwil tal-petrol: Il-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' żennuni awtomatiċi għall-użu fuq distributuri tal-fjuwil, rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' pompi tal-kejl, distributuri u unitajiet ta' pompi li jitħaddmu mill-bogħod: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' mezzi ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri, rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' valvi ta' sikurezza u rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri. Dak ix-xogħol ta' standardizzazzjoni kien indikat fil-Kapitolu I. tal-programm ta' standardizzazzjoni maqbul bejn is-CEN u s-Cenelec u l-Kummissjoni u meħmuż mat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92. Is-CEN u s-Cenelec intalbu wkoll jirrevedu l-istandards eżistenti bl-għan li jallinjawhom mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza tad-Direttiva 94/9/KE.
- (4) Abbażi tat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92, is-CEN abbozza dawn l-istandards armonizzati li ġejjin għall-prodotti użati fil-pompi tal-petrol: EN 13012: 2021 Kostruzzjoni u prestazzjoni ta' żennuni awtomatiċi għall-użu fuq distributuri tal-fjuwil, EN 13617-1: 2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' pompi tal-kejl, distributuri u unitajiet ta' pompi mill-bogħod, EN 13617-2: 2021 Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment espulżivi (riformulazzjoni) (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment espulżivi (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1).

u t-twertiq ta' mezzi ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributori, EN 13617-3: 2021 Rekwiżiti ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' valvi ta' sikurezza u EN 13617-4: 2021. Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributori.

- (5) Il-Kummissjoni flimkien mas-CEN ivvalutat jekk l-istandards EN 13012:2021, EN 13617-1:2021, EN 13617-2:2021, EN 13617-3:2021, EN 13617-4:2021 imfassla mis-CEN huwiex konformi mat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92.
- (6) L-istandards EN 13012:2021, EN 13617-1:2021, EN 13617-2:2021, EN 13617-3:2021 u EN 13617-4:2021 jissostitwixxi ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2014/34/UE. Għaldaqstant, jixraq li r-referenzi ta' dawkl-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) L-istandard EN 13012:2021 jissostitwixxi l-istandard EN 13012:2012. L-istandard EN 13617-1:2021 jissostitwixxi l-istandard EN 13617-1:2012. L-istandard EN 13617-2:2021 jissostitwixxi l-istandard EN 13617-2:2012. L-istandard EN 13617-3:2021 jissostitwixxi l-istandard EN 13617-3:2012. L-istandard EN 13617-4:2021 jissostitwixxi l-istandard EN 13617-4:2012. Għalhekk jeħtieġ li r-referenzi tal-istandards EN 13012:2012, EN 13617-1:2012, EN 13617-2:2012, EN 13617-3:2012, u EN 13617-4:2012 li huma ppubblikati mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2018/C 371/01) <sup>(4)</sup> jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (8) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-verżjonijiet riveduti tal-istandards EN 13012:2012, EN 13617-1:2012, EN 13617-2:2012, EN 13617-3:2012, u EN 13617-4:2012, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenza għal dawkl-istandards jiġi differit.
- (9) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 <sup>(5)</sup> jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/34/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/34/UE jkunu kollha elenkati f'att wieħed, ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13012:2021, EN 13617-1:2021, EN 13617-2:2021, EN 13617-3:2021 u EN 13617-4:2021 għandhom jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (10) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/34/UE rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13012:2012, EN 13617-1:2012, EN 13617-2:2012, EN 13617-3:2012 u EN 13617-4:2012 jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-konformità ma' standard armonizzat taġhti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

<sup>(4)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment esplużivi (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 371, 12.10.2018, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-istandards armonizzati għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment esplużivi mfassla b'sostenn għad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 71).

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 jiżiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
“5.	EN 13012:2021 Pompi tal-petrol - Kostruzzjoni u prestazzjoni ta' żennuni awtomatiċi għall-użu fuq distributuri tal-fjuwil
6.	EN 13617-1:2021 Pompi tal-petrol - Parti 1: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' pompi tal-kejl, distributuri u unitajiet ta' pompi li jitħaddmu mill-bogħod
7.	EN 13617-2:2021 Pompi tal-petrol - Parti 2: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' mezzi ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri
8.	EN 13617-3:2021 Pompi tal-petrol - Parti 3: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' valvi ta' sikurezza
9.	EN 13617-4:2021 Pompi tal-petrol - Parti 4: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributuri”

## ANNEX II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202, jiżiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tat-tneħħija
4.	EN 13012:2012 Pompi tal-petrol - Kostruzzjoni u prestazzjoni ta' żennuni awtomatiċi għall-użu fuq distributori tal-fjuwil	It-3 ta' Settembru 2023
5.	EN 13617-1:2012 Pompi tal-petrol - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' pompi tal-kejl, distributori u unitajiet ta' pompi li jitħaddmu mill-bogħod	It-3 ta' Settembru 2023
6.	EN 13617-2:2012 Pompi tal-petrol - Parti 2: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' mezz ta' sikurezza għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributori	It-3 ta' Settembru 2023
7.	EN 13617-3:2012 Pompi tal-petrol - Parti 3: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' valvi ta' sikurezza	It-3 ta' Settembru 2023
8.	EN 13617-4:2012 Pompi tal-petrol - Parti 4: Rekwiżiti ta' sikurezza għall-kostruzzjoni u l-prestazzjoni ta' swivels għall-użu fuq pompi tal-kejl u distributori	It-3 ta' Settembru 2023

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/407****tad-9 ta' Marzu 2022****li ttejjem ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 14(1) u 19 tiegħu,

Billi:

**1. PROĊEDURA****1.1. L-investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ**

- (1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni imponiet dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija ("l-investigazzjoni oriġinali").
- (2) Fl-4 ta' Ġunju 2018, wara rieżami *interim* parzjali dwar is-sussidjar tal-produtturi esportaturi kollha, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/823 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-miżuri kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.
- (3) Din sabet li l-bidla leġiżlattiva fil-leġiżlazzjoni Torka dwar is-sussidji għall-produtturi tat-trota, li kienet soġġetta għar-rieżami, ma kinitx tiġġustifika r-reviżjoni tad-dazji kompensatorji għall-produtturi kollha tat-trota fit-Turkija. Madankollu, ġie osservat li l-impatt tal-bidla leġiżlattiva kien differenti fil-livell ta' kumpanija individwali <sup>(4)</sup>.
- (4) Fil-15 ta' Mejju 2020, wara rieżami *interim* parzjali, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/658 <sup>(5)</sup>, il-Kummissjoni emendat il-livell tad-dazju kompensatorju fir-rigward ta' produttur esportatur wieħed.
- (5) Fl-20 ta' Mejju 2021, wara rieżami ta' skadenza, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 <sup>(6)</sup>, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-livell tad-dazji kompensatorji kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali u kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/658.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 tas-26 ta' Frar 2015 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 12).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/823 tal-4 ta' Ġunju 2018 li jtejjem ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija (ĠU L 139, 5.6.2018, p. 14).

<sup>(4)</sup> Il-Premessa (49) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/823.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/658 tal-15 ta' Mejju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/309 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija wara rieżami interim skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 155, 18.5.2020, p. 3).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/823 tal-20 ta' Mejju 2021 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 183, 25.5.2021, p. 5).

- (6) Hija sabet li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ kienet tirriżulta fil-kontinwazzjoni tas-sussidjar, billi l-esportazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni kienu jkomplu f'volumi sostanzjali. Barra minn hekk, minħabba l-kapaċità żejda massiva fit-Turkija, l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Turkija u l-impatt probabbli tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, kien hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu f'każ li l-miżuri jiġihallew jiskadu.
- (7) Bħala konklużjoni, ġie stabbilit li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti ta' interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti.
- (8) Id-dazji kompensatorji definittivi li huma fis-seħħ bħalissa jvarjaw minn 1,5 % sa 9,5 %.

#### 1.2. Il-bidu ta' rieżami *interim* parzjali

- (9) Fid-29 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami *interim* parzjali tad-dazju kompensatorju fis-seħħ skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1037 ("ir-Regolament bażiku") ippreżentata mill-produttur esportatur Selina Balik Isleme Tesis Ithalat Ihracat ve Ticaret Anonim Sirketi ("ir-rikorrent"). It-talba għal rieżami *interim* parzjali kienet limitata fl-ambitu għall-eżami tas-sussidjar sa fejn kien ikkonċernat ir-rikorrent.
- (10) Fil-5 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni Ewropea bdiet rieżami *interim* tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija (il-"pajjiż ikkonċernat") skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (in-"Notifika ta' Bidu")<sup>(7)</sup>.
- (11) Ir-rikorrent argumenta li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-miżuri kompensatorji eżistenti jidhru li nbidlu u li huma ta' natura dejjiema sa fejn kien ikkonċernat ir-rikorrent.

#### 1.3. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat

- (12) Ir-rieżami dwar is-sussidjar tar-rikorrent kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.

#### 1.4. Il-partijiet interessati

- (13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna biex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni biex jieħdu sehem fir-rieżami. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lir-rikorrent, lill-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa tal-Unjoni, kif ukoll lill-Gvern tal-pajjiż ikkonċernat dwar il-bidu tar-rieżami u stednithom jipparteċipaw.
- (14) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-ftuħ tar-rieżami u li jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

##### 1.4.1. It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika

- (15) Il-Kummissjoni baġhtet kwestjonarji lir-rikorrent u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat.
- (16) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat.

## 2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott rieżaminat

- (17) Il-prodott suġġett għal rieżami huwa t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*)  
— il-ħuta ħajja li tiżen 1,2 kg jew inqas kull waħda, jew

(7) ĠU C 40, 5.2.2021, p. 12

- il-ħuta friska, imkessħa, iffriżata u/jew affumikata:
  - fil-forma ta' ħuta sħiħa (bir-ras), bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew
  - bir-ras tal-ħuta maqtugħa, imnaddfa mill-garġi jew le, imnaddfa mill-organi jew le, li jiżnu 1 kg jew inqas kull waħda, jew
  - fil-forma ta' flettijiet li jiżnu 400 g jew anqas kull waħda,

li joriġina mir-Repubblika tat-Turkija u li fil-preżent jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 (il-kodiċi TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10 u 0305 43 00 11) ("il-prodott rieżaminat).

- (18) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li l-prodott manifatturat fit-Turkija u li jiġi esportat fl-Unjoni u l-prodott manifatturat u li jinbiegħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi, u l-istess użi finali bażiċi. Għalhekk dawn tqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

### 3. IRTIRAR TAT-TALBA

- (19) Fl-ittra tiegħu lill-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent irtira t-talba tiegħu għal rieżami *interim*.
- (20) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jintemm, sakemm tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (21) L-investigazzjoni ma kienet żvelat ebda kunsiderazzjoni li turi li din it-terminazzjoni tkun tmur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (22) Barra minn hekk, fl-20 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea bdiet rieżami *interim* mal-pajjiż kollu tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija <sup>(8)</sup>. Għalhekk, il-miżuri kontra s-sussidji attwalment fis-seħħ se jiġu rieżaminati għall-produtturi esportaturi kollha f'dan il-qafas.

### 4. KONKLUŻJONI U DIVULGAZZJONI

- (23) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-proċediment ta' rieżami *interim* parzjali għandu jintemm mingħajr determinazzjoni formali dwar xi bidliet sinifikanti dejjiema u l-prattiki ta' sussidju tar-rikorrent.
- (24) Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ġew mogħtija l-opportunità li jikkomentaw.
- (25) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti li jwasslu għall-konklużjoni li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (26) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Ir-rieżami *interim* parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija sa fejn huwa kkonċernat ir-rikorrent u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 (kodiċijiet TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10 u 0305 43 00 11) hija b'dan mitmuma.

<sup>(8)</sup> ĠU C 380, 20.9.2021, p. 15.



*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1297 tal-4 ta' Awwissu 2021 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċidi perfluorokarbossilċi li fihom minn 9 sa 14-il atomu tal-karbonju fil-katina (C9-C14 PFCAs), l-imlieh tagħhom u s-sustanzi relatati mas-C9-C14 PFCAs**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 282 tal-5 ta' Awwissu 2021)

Fil-paġna 32, fl-ewwel paragrafu tal-Anness,

*minflok:* "Fl-Anness XVII, l-entrata 68 hija sostitwita b'dan li ġej:",

*aqra:* "Fl-Anness XVII, tiżdied din l-entrata:";

Fil-paġna 33, fil-paragrafu 10 tat-tabella fl-Anness,

*minflok:* "Sal-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun 2 000 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluwoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluoroalkossi. Mill-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni għandu jkun 100 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluwoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluoroalkossi.",

*aqra:* "Sal-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun 2 000 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluwoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluoroalkossi. Mis-26 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni għandu jkun 100 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluwoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluoroalkossi.".

---

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2077 tas-26 ta' Novembru 2021 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-L-valina prodotta mill-*Corynebacterium glutamicum* CGMCC 7.366 bħala addittiv tal-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 426 tad-29 ta' Novembru 2021)

Fil-paġna 7, fl-ewwel kolonna tal-Anness,

*minflok:* "3c371i",

*aqra:* "3c371ii".

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)